"jeħtieġ iżda li naslu fi gżira" Atti 27, 26

Benedittu XVI
f'Malta

1950 SENA MILL-MIĠJA TA' SAN PAWL
17-18 April 2010

# Skemi bi tħejjija għaż-żjara tal-Papa f'Malta

Editur - Dun Hector Scerri

Kummissjoni Teoloġika Djoċesana
Arċidjoċesi ta' Malta
Jannar 2010

# Lista ta' Kontributuri

| | |
|---|---|
| Il-Papa u l-Missjoni Tiegħu | Dun Mario Delmar |
| Il-Kelma ta' Alla | Dun Pawl Sciberras |
| Knisja-Kultura-Soċjetà | Prof. Stanley Fiorini |
| Viżjoni ta' Knisja-Komunjoni | Ms Anna Pace |
| Is-Saċerdot | Dun Mario Delmar |
| Il-Ħajja Kkonsagrata | Patri Christopher Caruana O.P. |
| Il-Lajċi | Sur Joe Farrugia |
| Liturġija u Sagramenti | Sur Manuel Micallef |
| Djakonija u Ġustizzja | Ms Josephine Vassallo |
| Ix-Xandir tal-Kelma | Ms Pauline Dimech S.D.C. |
| L-Edukazzjoni | Dr Adrian Gellel |
| Iż-Żgħażagħ | Patri Christopher Caruana O.P. |
| Żwieġ u Familja | Sur Harry Agius Ordway |
| It-Tbatija | Dun Pawl Sciberras |
| L-Immigrazzjoni u r-Refuġjati | Patri Edgar Busuttil S.J. |
| L-Ambjent | Dr Paul Pace |
| Punti mill-Enċikliċi | Dun Hector Scerri |
| Punti għall-Eżerċizzi tar-Randan | Dun Hector Scerri |

# Werrej


Lista ta' Kontributuri ........ 2

Daħla ........ 4

Il-Papa u l-Missjoni Tiegħu ........ 6

Il-Kelma ta' Alla ........ 13

Knisja-Kultura-Soċjetà ........ 16

Viżjoni ta' Knisja-Komunjoni ........ 20

Is-Saċerdot ........ 24

Il-Ħajja Kkonsagrata ........ 28

Il-Lajċi ........ 30

Liturġija u Sagramenti ........ 32

Djakonija u Ġustizzja ........ 34

Ix-Xandir tal-Kelma ........ 36

L-Edukazzjoni ........ 39

Iż-Żgħażagħ ........ 43

Żwieġ u Familja ........ 46

It-Tbatija ........ 49

L-Immigrazzjoni u r-Refuġjati ........ 52

L-Ambjent ........ 55

Punti mill-Enċikliċi ........ 58

Punti għall-Eżerċizzi tar-Randan ........ 68

# Daħla

Huwa ta' pjaċir kbir għalija li nippreżenta dan il-ktejjeb li fih ġabra għanja ta' materjal mit-tagħlim tal-Papa Benedittu XVI. L-għan ta' din il-ġabra huwa li fil-ġimgħat li ġejjin, b'mod partikulari fir-Randan, inħejju ruħna għall-Għid il-Kbir permezz tal-kitbiet u d-diskorsi tal-Papa. Dan jgħinna wkoll biex mhux biss nidħlu fl-ispirtu tat-tħejjija għaż-żjara pastorali ta' Benedittu XVI fostna nhar is-17 u t-18 t'April, imma wkoll biex bħala Knisja lokali nkomplu napprofondixxu diversi aspetti tat-tagħlim tiegħu.

Il-Kummissjoni Teoloġika Djoċesana ġiet afdata mis-Segreterija Pastorali li tħejji dan il-materjal. Il-materjal inġabar minn bosta persuni li b'ġenerożità kbira offrew l-għajnuna tagħhom. Il-fatt li kienu ħafna li taw is-sehem tagħhom f'dil-biċċa xogħol jagħmel dan il-ktejjeb għodda ferm għanja. Naturalment kien meħtieġ xi *editing*, għalkemm saru sforzi biex l-istili ta' min ġabar il-materjal ikunu rispettati, sa fejn dan kien possibbli. F'isem is-Segreterija Pastorali u l-Kummissjoni Teoloġika nrodd ħajr lil dawk kollha li mingħajr il-kontribut tagħhom dan il-ktejjeb ma kienx jara d-dawl.

Dan il-ktejjeb qiegħed jitqassam prinċipalment fost is-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-operaturi pastorali tal-Arċidjoċesi. Fih hemm materjal li jista' jintuża għall-eżerċizzi tar-Randan, għall-omeliji, għal-laqgħat tal-għaqdiet u l-movimenti, u għar-riflessjoni u l-formazzjoni personali. Il-Kummissjoni Teoloġika, fil-laqgħa tagħha ta' Novembru 2009, iddeċidiet li toffri materjal mill-Maġisteru ta' Benedittu XVI dwar it-tmien temi tas-Sinodu Djoċesan (1999-2003), kif ukoll dwar materjal ieħor ta' relevanza attwali. B'kollox hemm 18-il titlu differenti.

It-talba tiegħi lil Alla hi li jsir kull użu possibbli ta' dan il-ktejjeb. Il-materjal li fih – ħafna drabi b'format ta' punti u siltiet qosra – għandu wkoll jistieden lil diversi individwi biex ifittxu t-test sħiħ

tad-dokument jew diskors li jkun qed jiġi kkwotat. Dawn it-testi jistgħu jinstabu faċilment fuq is-sit elettroniku tal-Vatikan (www.vatican.va), taħt "Benedict XVI" jew ekwivalenti lingwistiċi oħra. Xi wħud mill-materjal kien deher ukoll b'ilsienna f'pubblikazzjonijiet oħra.

Minn qalbi nawgura li dan il-ktejjeb ikun strument ċkejken biex isir ħafna ġid spiritwali u pastorali ġewwa l-gżejjer tagħna, speċjalment fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju mill-miġja fostna tal-Appostlu Missierna San Pawl, kif ukoll taż-żjara pastorali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI.

**Dun Hector Scerri**
*President tal-Kummissjoni Teoloġika*
*22 ta' Jannar 2010*

# Il-Papa u l-Missjoni Tiegħu

## 1. Min hu?

'Bħalissa, f'qalbi maġenb xulxin, inħoss żewġ emozzjonijiet li jmorru kontra xulxin. Fuq naħa waħda, sens ta' nuqqas ta' ħila u ta' biża' umana waqt li qed niffaċċja **ir-responsabiltà tal-Knisja universali**, li ngħatat lili l-bieraħ bħala **Suċċessur tal-Appostlu Pietru** f'din is-Sede ta' Ruma. Fuq naħa oħra, qed inħoss ħafna sens ta' gratitudni lejn Alla li … qatt ma jħalli l-merħla tiegħu weħidha, imma jmexxiha tul iż-żminijiet taħt it-tmexxija ta' dawk li hu stess għażel bħala **Vigarji ta' Ibnu** u li għamilhom **rgħajja tal-merħla.'** *(Missa Pro Ecclesia: mill-ewwel messaġġ ta' Benedittu XVI f'għeluq il-Konċelebrazzjoni Ewkaristika mal-membri tal-Kulleġġ Kardinalizju fil-Kappella Sistina, 20 April 2005)*

'Inti Kristu! Inti Pietru! Qed inħoss qisni qed nerġa' ngħix l-istess xena tal-Vanġelu (Mt 16:15-19); Jien, **is-Suċċessur ta' Pietru**, nerġa' ntenni bit-tregħid il-kliem ansjuż tas-sajjied tal-Galilija u nisma' mill-ġdid b'emozzjoni kbira l-wegħda rassikuranti tal-Imgħallem divin…*'Inti 'Pietru', u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi'* (Mt 16:18). Meta għażilni bħala Isqof ta' Ruma, il-Mulej riedni nkun **il-Vigarju tiegħu**, riedni nkun **il-'blata'** li fuqha aħna lkoll nistgħu noqogħdu b'rasna mistrieħa.' *(Idem, 20 April 2005)*

'Venerabbli ħuti, lejkom imur ir-ringrazzjament l-aktar personali tiegħi għall-fiduċja li intom poġġejtu fija meta eleġġejtuni **Isqof ta' Ruma** u **Ragħaj tal-Knisja Universali'**. *(mill-Udjenza ta' Benedittu XVI mal-Kulleġġ Kardinalizju 22 April 2005)*

### Mistoqsijiet

Kif inħares lejh il-Papa? Inħossni ħaġa waħda miegħu?

Għandi xejn rispett u spirtu ta' ubbidjenza lejh?

Konxju li hu s-suċċessur ta' Pietru u l-'Blata' li fuqu għandi nserraħ fit-triq tal-ħajja tiegħi?

## 2. X'inhi l-Missjoni tiegħu?

'Waqt li jaqdi l-ministeru tiegħu, il-Papa l-ġdid jaf li l-missjoni tiegħu hi li **jagħmel li d-dawl ta' Kristu jidher lill-irġiel u n-nisa tal-lum**; mhux id-dawl tiegħu, imma dak ta' Kristu' *(20 April 2005)*

'Bħal Pietru, jien ukoll inġedded il-wegħda ta' fedeltà inkondizzjonata lil Kristu. Irrid **naqdi lilu biss, billi niddedika lili nnifsi kollni kemm jien għas-servizz tal-Knisja tiegħu'.** *(Idem)*

'Jekk minn naħa għandi quddiem għajnejja l-limiti tal-persuna tiegħi u tal-ħiliet tiegħi, minn naħa oħra naf sewwa x'inhi n-natura tal-missjoni li ġiet afdati lili u li ser naqdi b'dedizzjoni interjuri. Hawnhekk m'għandhomx x'jaqsmu l-unuri, imma s-**servizz li rrid naqdi b'sempliċità u disponibiltà, fl-imitazzjoni tal-Imgħallem u s-Sinjur tagħna,** li ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi (Mt 20:28), u fl-Aħħar Ċena ħasel saqajn l-appostli u ordnalhom li jagħmlu l-istess *(Ġw 13:13-14)'. (22 April 2005)*

'Kif setgħu 115-il isqof, minn kull kultura u minn kull pajjiż, jiskopru l-wieħed li lilu l-Mulej xtaq jafda **l-missjoni li tħoll u torbot**?' *(Omelija fil-Quddiesa tal-bidu tal-Pontifikat fi Pjazza San Pietru, 24 April 2005)*

'Il-programm reali tal-gvern tiegħi huwa li ma nagħmilx ir-rieda tiegħi, li ma niġrix wara l-ideat tiegħi, imma **li nisma', flimkien mal-Knisja kollha, il-kelma u r-rieda ta' Alla, li nkun immexxi minnu, sabiex ikun Alla nnifsu li jmexxi l-Knisja** f'din is-siegħa tal-istorja tagħna'. *(Idem, 24 April 2005)*

'Din hija l-missjoni tas-Suċċessuri kollha ta' Pietru: li jkunu **l-gwida fil-professjoni tal-fidi fi Kristu, Iben Alla l-Ħaj**. Is-Sede ta' Ruma hi fuq kollox is-Sede ta' din il-fidi. Mill-għoli ta' fuq din is-Sede **l-isqof ta' Ruma għandu l-obbligu li kontinwament itenni: Dominus Iesus** – 'Ġesù hu l-Mulej' kif Pawlu kiteb fl-ittri tiegħu lir-Rumani (10:9) u lill-Korintin (1 Kor 12:3)...Is-Sede ta' Pietru jobbligana lkoll ngħidu, kif Pietru qal f'mument ta' kriżi fost id-dixxipli meta ħafna minnhom riedu jitilquh: 'Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, u aħna nemmnu u nafu li Inti l-Qaddis ta' Alla' (Ġw 6: 68ff)'. *(mill-Omelija ta' Benedittu XVI fil-Quddiesa li fiha ħa l-Pussess tas-Sede bħala l-Isqof ta' Ruma fil-Bażilka ta' San Ġwann Lateran, 07 Mejju 2005)*

'Dak li jogħqod fuq is-sede ta' Pietru irid jiftakar fi kliem il-Mulej lil Xmun Pietru fl-Aħħar Ċena: '...u int, imbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa, **wettaq lil ħutek'** (Lq 22:32). Dak li għandu l-uffiċċju tal-ministeru Petrin irid ikun konxju li hu bniedem fraġli u dgħajjef – hekk ukoll il-qawwiet tiegħu huma dgħajfa u fraġli – u għandu bżonn il-ħin kollu ta' purifikazzjoni u konverżjoni. Imma jrid ikun konxju wkoll li **l-qawwa biex isaħħaħ lil ħutu fil-fidi u li jżommhom magħqudin fl-istqarrija ta' Kristu Msallab u Rxuxtat ġejja mill-Mulej**'. *(Idem, 07 Mejju 2005)*

'L-Isqof ta' Ruma joqgħod fuq is-Sede **biex jagħti xhieda ta' Kristu**. Għalhekk, is-Sede huwa simbolu tal-**potestas docendi, is-setgħa li jgħallem**, li hija parti essenzjali tal-mandat li l-Mulej ta lil Pietru, u warajh lit-Tnax, **li jħoll u jorbot**'. *(Idem, 07 Mejju 2005)*

'Il-qawwa tat-tagħlim tbezza' lil ħafna nies kemm fil-Knisja kif ukoll barra minnha. Dawn isaqsu jekk din hijiex theddida għal-libertà tal-kuxjenza jonkella presuppost li jmur kontra l-liberta' tal-ħsieb. Mhuwiex hekk. Is-setgħa li Kristu ta lil Pietru u lis-Suċċessuri tiegħu **hija mandat ta' qadi**, fil-veru sens tal-kelma. Is-setgħa tat-tagħlim fil-Knisja tinvolvi **impenn għas-servizz tal-ubbidjenza tal-fidi**. Il-Papa mhuwiex xi monarka assolut li l-ħsibijiet u x-xewqat tiegħu huma liġi. Għal kuntrarju, **il-ministeru tal-Papa huwa garanzija ta' ubbidjenza għal Kristu u l-Kelma Tiegħu**. Quddiem kull tentattiv biex il-Kelma ta' Alla tkun addattata jew żvujtata mis-sens tagħha,

(il-Papa) m'għandux jesprimi l-idejat tiegħu stess, imma jeħtieġ li hu u l-Knisja l-ħin kollu jkunu marbuta mal-ubbidjenza tal-Kelma ta' Alla'. *(Idem, 07 Mejju 2005)*

'Għalhekk, is-setgħa (tal-Papa) mhijiex li jkun 'il fuq mill-Kelma ta' Alla, iżda **għas-servizz tagħha'**...Is-Sede hija – ħalli nerġgħu ngħiduha – simbolu tas-setgħa tat-tagħlim, li hija **setgħa ta' ubbidjenza u servizz, sabiex il-Kelma ta' Alla – il-Verità! – tkun tista' tiddi fostna u turina t-triq tal-ħajja**'. *(Idem, 07 Mejju 2005)*

'**Li tippresjiedi fid-duttrina u fl-imħabba** għandhom ikunu, fl-aħħar mill-aħħar, l-istess ħaġa: it-tagħlim kollu tal-Knisja iwassal għall-imħabba'. *(Idem, 07 Mejju 2005)*

### Mistoqsijiet

- Kemm jinteressani li nkun naf x'qed jgħallem il-Papa?
- Kemm naqra xogħlijiet / diskorsi / omeliji tiegħu?
- Kemm nipprova nifhem u nixtarr it-tagħlim tiegħu? Kemm hemm fija dak is-sens ta' ubbidjenza lejn il-Kelma ta' Alla u t-tagħlim uffiċċjali tal-Knisja?

## 3. X'hemm f'qalbu?

'Għalhekk, fil-waqt li qed inħejji ruħi għas-servizz li hu proprju tas-Suċċessur ta' Pietru, nixtieq ukoll nikkonferma d-determinazzjoni tiegħi li, fuq il-passi tal-Predeċessuri tiegħi u f'konformità fidila mat-tradizzjoni ta' 2000 sena tal-Knisja, **inkompli npoġġi fil-prattika l-Konċilju Vatikan it-tieni'.** *(Quddiesa mal-Kardinali, 20 April 2005)*

'Il-programm reali tal-gvern tiegħi huwa li ma nagħmilx ir-rieda tiegħi, li ma niġrix wara l-ideat tiegħi, imma **li nisma' , flimkien mal-Knisja kollha, il-Kelma u r-rieda ta' Alla**, li nkun immexxi minnu, sabiex ikun Alla nnifsu li jmexxi l-Knisja f'din is-siegħa tal-istorja tagħna'. *(Bidu tal-Pontifikat, 24 April 2005)*

'Waħda mill-karatteristiċi fundamentali tar-ragħaj hija li jrid iħobb lil dawk il-bnedmin afdati lilu, hekk kif iħobb lil Kristu, li lilu jrid jaqdi...**Li tirgħa tfisser li tħobb, u li tħobb tfisser ukoll li tkun lest li tbati. Li tħobb tfisser: li tagħti lin-nagħaġ il-ġid veru, l-ikel tal-verità ta' Alla**, tal-kelma ta' Alla, l-ikel tal-preżenza tiegħu, li huwa jagħtina fis-Sagrament Mqaddes. Għeżież ħbieb, f'dan

il-mument nista' ngħid biss: itolbu għalija, biex nitgħallem dejjem iżjed inħobb lill-Mulej. Itolbu għalija biex jien **nitgħallem inħobb dejjem iżjed lill-merħla tiegħu**: intom, il-Knisja Qaddisa, kull wieħed minnkom u intom ilkoll flimkien'. *(Idem, 24 April 2005)*

'**Qed naħseb b'mod partikulari fiż-żgħażagħ.** Noffri t-tgħanniqa mimlija imħabba tiegħi lilkom, intom is-sieħba privileġġjati fid-djalogu mal-Papa Ġwanni Pawlu II…**Jien bi ħsiebni nkompli dan id-djalogu, għeżież żgħażagħ, il-futur u t-tama tal-Knisja u tal-umanità, billi nisma' l-aspettattivi tagħkom** bix-xewqa li ngħinkom tiltaqgħu b'mod dejjem iktar profond ma' Kristu l-Ħaj, dejjem żgħażugħ'. *(20 April 2005)*

'Nixtieq hawnhekk nuri ħaġa oħra: kemm fix-xbieha tar-ragħaj u kemm f'dik tas-sajjied toħroġ b'mod espliċitu s-sejħa għall-unità. 'Għandi wkoll nagħaġ oħra, li m'humiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed' (Ġw 10:16), jgħid Ġesù fit-tmiem tad-diskors tar-ragħaj it-tajjeb… Agħmel (Mulej) li nkunu ragħaj wieħed u merħla waħda! …**Għinni nkun qaddej tal-unità**!' *(24 April 2005)*

'Mela, konxju għall-aħħar fil-bidu tal-ministeru tiegħu fil-Knisja ta' Ruma li Pietru ħasel f'demmu, is-Suċċessur attwali ta' Pietru jieħu fuqu **bħala l-missjoni ewlenija tiegħu d-dmir li jaħdem bla heda biex jerġa' jibni l-għaqda sħiħa u viżibbli tad-dixxipli kollha ta' Kristu**. Din hi l-ambizzjoni tiegħu, id-dmir li hu ma jistax jaħrab minnu. Hu konxju li l-intenzjonijiet tajba mhumiex biżżejjed biex dan jintlaħaq. Ġesti konkreti li jidħlu fil-qlub u li jċaqilqu l-kuxjenzi huma essenzjali, ġesti li jispiraw f'kulħadd dik il-konverżjoni interjuri li hija meħtieġa minn qabel għal kull progress ekumeniku.' *(20 April 2005)*

## Mistoqsijiet

- Il-Papa jħossu dmir ewlieni tiegħu li jpoġġi fil-prattika l-Konċilju Vatikan II. Kemm qed nipprova nagħmlu dan jien? Midħla xejn tad-dokumenti ta' dan il-Konċilju?
- Jekk jien żagħżugħ/a, kemm inħoss din il-viċinanza tal-Papa? Qiegħed jien – skont ix-xewqa espliċita tiegħu – nipprova niskopri dejjem iktar lil Kristu f'ħajti?
- Il-Papa jgħid li jixtieq jisma' xi jrid Alla minnu. Għandi fija dan l-atteġġjament li nisma' xi jrid Alla minni u li nwettqu dan fil-prattika?

## 4. X'qed jistenna minna?

'Eminenzi, bi gratitudni li ġejja mill-qalb għall-fiduċja li wrejtu fija, nitlobkom biex **tweżnuni bit-talb tagħkom u bil-kollaborazzjoni kostanti, attiva u għaqlija tagħkom.** Nitlob ukoll lil ħuti fl-Episkopat li jkunu **qrib tiegħi fit-talb u l-pariri tagħhom**, sabiex jien inkun tassew is-*Servus Servorum Dei* (Qaddej tal-Qaddejja ta' Alla)'. *(20 April 2005)*

'U issa, f'dan il-mument, jien li jien qaddej dgħajjef ta' Alla, irrid nieħu dan ix-xogħol enormi, li tassew jiżboq il-kapaċità umana kollha. Kif nista' nagħmel dan? B'liema mod se jirnexxili nagħmel dan? ... Ma rridx inġorr waħdi dak li fil-verità ma nista' qatt inġorr waħdi. Il-Qaddisin kollha ta' Alla qegħdin hawn biex iħarsuni, isostnuni u jweżnuni. **U t-talb tagħkom, għeżież ħbieb, l-indulġenza tagħkom, l-imħabba tagħkom, il-fidi tagħkom, u t-tama tagħkom jakkumpanjawni**'. *(24 April 2005)*

'...**itolbu għalija**, biex nitgħallem dejjem iżjed inħobb lill-Mulej. **Itolbu għalija**, biex jien nitgħallem inħobb dejjem iżjed lill-merħla tiegħu: intom, il-Knisja Qaddisa, kull wieħed minnkom u intom ilkoll flimkien. **Itolbu għalija**, sabiex jien ma naħrabx, minħabba l-biża', quddiem l-ilpup. Nitolbu għal xulxin, sabiex il-Mulej jerfagħna u aħna nitgħallmu nerfgħu lil xulxin'. *(24 April 2005)*

'...kemm fix-xbieha tar-ragħaj u kemm f'dik tas-sajjied toħroġ b'mod espliċitu s-sejħa għall-unità... 'u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed' (Ġw 10:16) ...nagħmlu dak kollu li huwa possibbli biex nimxu t-triq lejn l-unità...Mulej, ftakar fil-wegħda tiegħek. Tħallix li x-xibka tiegħek titqatta' u **għinna nkunu qaddejja tal-unità**!' *(24 April 2005)*

'Għalhekk, illum, jien nixtieq b'qawwa kbira u b'konvinzjoni kbira, u mill-esperjenza personali ta' ħajja twila, **ngħid lilkom, għeżież żgħażagħ: tibżgħux minn Kristu**! Hu ma jieħu xejn, u jagħti kollox. Min jingħata għalih, jirċievi mitt darba aktar. Iva, **iftħu beraħ il-bibien għal Kristu u ssibu l-ħajja vera.**' *(24 April 2005)*

**Mistoqsijiet**

Inħossu dmir tiegħi li nitlob spiss għall-Papa?

Nitlob u naħdem xejn għall-għaqda fil-Knisja, fil-familja, fil-parroċċa tiegħi, fil-politika?

Ix-xewqa tal-Papa hi li aħna niftħu beraħ il-bibien ta' ħajjitna għal Kristu. Ġesù huwa tassew il-Ħajja tiegħi?

# Il-Papa Benedittu XVI dwar il-Kelma t'Alla

"Għinu lin-nies jiskopru l-vera kewkba li turi t-triq għalina: Ġesù Kristu! Ejja nagħmlu ħilitna kollha biex insiru nafuh dejjem iktar u aħjar, biex inkunu nistgħu inwasslu oħrajn lejh b'konvinzjoni. Għalhekk l-imħabba lejn l-Iskrittura hija daqshekk importanti, u bħala riżultat, daqshekk importanti wkoll li nkunu nafu l-fidi tal-Knisja li tifthilna t-tifsira tal-Iskrittura. Huwa l-Ispirtu s-Santu li jmexxi l-Knisja waqt li l-fidi tagħha dejjem tikber, u jwassalha biex tidħol dejjem iktar fil-fond tal-verità (ara Ġw 16:13)". *(Omelija fil-Quddiesa għas-16-il Jum Dinji taż-Żgħażagħ, f'Marienfeld, Kolonja, il-Ġermanja, 21 Awwissu 2005)*

"Għeżież żgħażagħ, inħeġġiġkom li tiksbu familjarità mal-Bibbja, li żżommuha dejjem qrib tagħkom, biex tkun għalikom bħal boxxla li turikom it-triq fejn għandkom taslu. Meta taqrawha, titgħallmu ssiru tafu iktar lil Kristu Ġesù. Jgħid San Ġlormu: 'Min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu' (*PL* 24,17; ara wkoll *Dei Verbum*, 25). Wieħed mill-modi biex issiru tafu u tiggustaw iktar il-Kelma ta' Alla hija l-*lectio divina*, li hija verament mixja spiritwali f'tarġiet. Mil-*lectio*, jiġifieri li taqra u terġa' taqra pass mill-Iskrittura Mqaddsa biex taqbad tajjeb l-elementi ewlenin tiegħu, wieħed jgħaddi għall-*meditatio*, li hi bħal waqfa interjuri, li fiha r-ruħ iddur lejn Alla, tfittex li tifhem dak li l-Kelma tgħidilna llum fil-ħajja konkreta tagħna. Tiġi mbagħad l-*oratio*, li tgħinnha nidħlu f'diskursata diretta ma' Alla, u li twassalna għall-*contemplatio*, li tgħinna nżommu 'l qalbna attenta għall-preżenza ta' Kristu, li l-Kelma tiegħu hija bħal 'fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam, sa ma jibda jbexbex il-jum u f'qabkom titla' l-kewkba ta' filgħodu' (2 Pt 1:19). Il-qari u l-istudju u l-meditazzjoni tal-Kelma jridu mbagħad jissarrfu f'ħajja koerenti ta' għaqda ma' Kristu u t-tagħlim tiegħu". *(Messaġġ għall-21 Jum Dinji taż-Żgħażagħ, 09 April 2006)*

"Il-Kristjaneżmu mhuwiex filosofija imma ġrajja li Alla għamel li sseħħ f'din id-dinja, storja li hu ġabar flimkien b'mod reali u li jifforma flimkien magħna bħala Storja. Għalhekk, fil-qari tagħna tal-Bibbja, l-aspett storiku serju b'dak li jitlob għandu jkun tassew preżenti: jeħtieġ li nagħrfu l-ġrajja li qed isseħħ, u proprju f'din l-azzjoni ta' Alla, naraw l-Istorja sseħħ min-naħa ta' Alla". *(Diskors lill-Isqfijiet Svizzeri, 07 Novembru 2006)*

"Il-Kelma ta' Alla per eċċellenza hija Ġesù Kristu, Alla u Bniedem. L-Iben ta' Alla huwa l-Kelma Eterna, li kien minn dejjem ma' Alla, għax huwa stess huwa Alla: 'Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla' (Ġw 1:1) …. Il-kliem u l-għemejjel kollha, imniżżla fl-Iskrittura Mqaddsa mill-awturi ispirati u mħarsa b'fedeltà mit-Tradizzjoni tal-Knisja, jiltaqgħu flimkien fil-Persuna tal-Mulej Ġesù, il-Kelma ta' Alla". *(Mill-*Instrumentum laboris *għat-12-il Sinodu tal-Isqfijiet dwar* Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja*, 11 Mejju 2008)*

"Il-Kelma ta' Alla biss tista' tbiddel fil-fond il-qalb tal-bniedem; għalhekk huwa meħtieġ li dawk kollha li jemmnu u l-komunitajiet tagħhom jidħlu dejjem iktar f'intimità mal-Kelma tiegħu … Aħna lkoll nafu kemm hu meħtieġ li l-Kelma ta' Alla ssir iċ-ċentru tal-ħajja tagħna, biex nilqgħu lil Kristu bħala l-feddej tagħna, bħala s-Saltna ta' Alla fil-persuna tiegħu stess. Jeħtieġ li niżguraw li d-dawl tiegħu jdawwal kull kuntest tal-umanità: mill-familja sal-iskola, sal-kultura, ix-xogħol, il-ħin liberu, u kull settur ieħor tas-soċjetà u tal-ħajja tagħna. Meta nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija aħna nagħrfu dejjem l-għaqda qawwija li hemm bejn it-tħabbir tal-Kelma ta' Alla u s-Sagrifiċċju tal-Ewkaristija: huwa l-Misteru nnifsu li qiegħed jiġi offrut għall-kontemplazzjoni tagħna". *(Mill-Omelija fil-ftuħ tat-12-il Sinodu tal-isqfijiet fuq* Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja*, Bażilka ta' San Pawl Barra s-Swar, 05 Ottubru 2008)*

"It-testi tal-Bibbja li huma ispirati minn Alla kienu afdati f'idejn il-komunità ta' dawk li jemmnu, f'idejn il-Knisja ta' Kristu, biex imantnu l-fidi u jdawlu l-ħajja tal-karità". *(Lill-membri tal-Kummissjoni Pontifiċja Biblika fl-Assemblea Plenarja, 23 April 2009)*

"Imgħallmin mill-esperjenza tagħkom l-imgħoddija, komplu b'ħeġġa mġedda l-impenn tagħkom, konxji mis-servizz lejn il-Knisja li huwa mitlub minnkom li tqarrbu l-Bibbja lejn il-ħajja tal-Poplu ta' Alla, biex huma jkunu jafu kif jilqgħu l-isfidi dejjem ġodda li ż-żminijiet ta' llum jagħmlu lill-evanġelizzazzjoni l-ġdida. It-tama tagħna lkoll hija li l-Iskrittura Mqaddsa ssir f'din id-dinja sekularizzata, mhux biss ir-ruħ tat-Teoloġija iżda wkoll l-għajn tal-ispiritwalità u tat-tħeġġiġ għall-fidi ta' dawk kollha li jemmnu fi Kristu". *(Lill-professuri u lill-istudenti tal-Istitut Pontifiċju Bibliku, f'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tiegħu, 26 Ottubru 2009)*

# Knisja-Kultura-Soċjetà fit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI

Definizzjonijiet ċari ta' x'inhi l-fidi huma ta' servizz għal kulħadd, (kemm għalina l-Kattoliċi kif) ukoll għal min qed niddjalogaw miegħu. Id-djalogu jista' jsaffi l-Fidi Kattolika u jagħti apprezzament aktar profond tagħha imma qatt ma jista' jibdilha fl-essenza tagħha. *(The Ratzinger Report. An Exclusive Interview on the State of the Church. Joseph Cardinal Ratzinger with Vittorio Messori, San Francisco: Ignatius Press, 1986, p.155)*

Il-kelma 'Liberazzjoni' donnha saret l-għajta tal-kulturi kontemporanji kollha fil-kontinenti kollha. Fost is-segwaċi ta' dawn il-kulturi, ir-rieda li jfittxu 'liberazzjoni' tippenetra t-teoloġija fl-erbat irjieħ kulturali tad-dinja. Fl-Amerka t'Isfel, 'liberazzjoni' tinftiehem prinċipalment f'sens soċjali, ekonomiku u politiku. Għaldaqstant it-tfittxija għal salvazzjoni u redenzjoni – jew aħjar 'liberazzjoni' kif jagħżlu huma li jsejħulha – saret it-tfittxija ewlenija fit-teoloġija. *(The Ratzinger Report, p.171-2)*

It-teoloġija qed tipprova twieġeb għall-mistoqsija l-aktar taħraq fid-dinja tal-lum: jiġifieri, il-problema għala l-bniedem, minkejja l-isforzi tiegħu kollha, m'hu bl-ebda mod mifdi, m'huwiex ħieles, u jesperjenza aljenazzjoni dejjem tikber. Dan narawh fil-forom kollha tas-soċjetà tal-lum. L-esperjenza fundamentali tal-era tagħna hi sewwasew l-esperjenza ta' 'aljenazzjoni', jiġifieri, il-kondizzjoni li l-Fidi Nisranija tradizzjonalment tesprimi bħala 'nuqqas ta' redenzjoni'. Hi l-esperjenza ta' eżistenza umana li qatgħet lilha nnifisha minn Alla, biex sabet mhux ħelsien, imma jasar. *(The Ratzinger Report, p.172)*

Li tkun konxju mis-'sinjali taż-żminijiet' tfisser l-iskoperta tal-kuraġġ biex ir-realtà tħarsilha f'għajnejha, wiċċ imb'wiċċ, biex tara dak li hu pożittiv kif ukoll dak li hu negattiv. Jekk nieħdu din il-linja oġġettiva, għandna naraw li l-programmi sekularisti ta' liberazzjoni għandhom kollha element

wieħed komuni: qed jippruvaw jiksbu din il-liberazzjoni fil-pjan immanenti, fl-istorja, f'did-dinja. Imma hija sewwasew din il-viżjoni limitata, ristretta għall-istorja u nieqsa minn apertura għat-traxxendent, li wasslet lill-bniedem għall-istat li fih jinsab. *(The Ratzinger Report, p.173)*

Minn żmien l-Illuminiżmu 'l quddiem, ix-xjenza – jew tal-anqas parti minnha – stinkat biex issib tifsira għall-univers li fiha Alla ma jidħolx. U jekk dan hu minnu, allura Alla ma jibqax meħtieġ għal ħajjitna. Imma kull attentat f'din id-direzzjoni, meta l-aktar li jkun qorob lejn soluzzjoni, jisfaxxa: trid u ma tridx, jibda jidher ċar li hemm xi ħaġa nieqsa fl-ekwazzjoni. Meta Alla jonqos, l-affarijiet ma jinkwadrawx għall-bniedem, għad-dinja, għall-univers. U nispiċċaw b'żewġ alternattivi. X'ġie l-ewwel? Ir-Raġuni Kreattiva – l-Ispirtu li ħalaq kollox u jġib kollox 'il quddiem – jew in-'Nuqqas ta' Raġuni' li, minkejja li hi priva minn kull sens, b'xi mod tnissel kosmos ordnat matematikament, inkluż il-bniedem iddotat bir-raġuni? *(Omelija, Regensburg, 12 Settembru 2006)*

Illum li tgħallimna nagħrfu l-patoloġiji u l-mard li jhedded il-ħajja assoċjati mar-reliġjon u mar-raġuni, u l-modi kif l-immaġni t'Alla tista' tinqered bil-mibegħda u l-fanatiżmu, issir ħaġa importanti li ngħidu bil-miftuħ u bla tlaqliq min hu l-Alla li nemmnu fih. Dan biss jista' jilliberana milli nibżgħu minn Alla – li fl-aħħar mill-aħħar hu l-għerq tal-ateiżmu. Dan l-Alla waħdu jsalvana milli nkunu beżgħana quddiem id-dinja u jeħlisna mill-ansjetà quddiem il-vojt tal-ħajja. *(Idem)*

Il-Fidi u r-Raġuni jirfdu 'l xulxin fil-mogħdijiet distinti tagħhom lejn il-Verità. Il-Fidi mingħajr Raġuni twassal għall-fundamentaliżmu. Ir-Raġuni mingħajr Fidi tipproduċi sekulariżmu li ma jwassal qatt

lill-bniedem jagħmel il-mistoqsijiet l-aktar fundamentali dwar l-oriġni tiegħu, id-destin aħħari tiegħu, is-sens ta' kollox. *(Diskors, l-Università ta' Regensburg, 12 Settembru 2006)*

Jekk ma aħniex kapaċi nittamaw għal xi ħaġ'iżjed minn dak li nistgħu niksbu, jew għal xi ħaġ'iżjed milli jwiegħduna l-awtoritajiet politiċi jew ekonomiċi, ħajjietna ma jdumux ma jisfaw mingħajr ebda tama. Hu importanti li nkun naf li nista' nissokta nittama anke jekk f'ħajti stess jew fiċ-ċirkostanzi storiċi li nkun fihom ma jkun jidher li hemm xejn għal xhiex nittama. (*Il-Papa kien għadu kemm semma bħala eżempju lill-Kardinal Nguyen Van Thuan fiċ-ċella tal-ħabs fil-Vjetnam.*) Hija biss iċ-ċertezza kbira tat-tama li ħajti u l-istorja in ġenerali, minkejja l-fallimenti kollha, huma ankrati u miżmuma fis-sod bil-qawwa indistruttibbli tal-Imħabba, li tagħtihom sens u importanza; din il-kwalità ta' tama biss kapaċi tqawwi l-qalb u tagħti l-perseveranza. … Ir-Renju t'Alla hu t-tweġiba għat-tama tagħna … u għalhekk l-imġieba tagħna m'hix indifferenti quddiem Alla u għalhekk m'hix indifferenti għal kif tiżvolġi l-istorja umana. Nistgħu ninfetħu aħna stess għal Alla biex id-dinja tinfetaħ għalih u Hu jkun jista' jidħol. Aħna kapaċi nilliberaw ħajjitna u lid-dinja mill-veleni u t-tniġġiż li kapaċi jherru l-preżent u l-futur. … Dan jagħmel sens ukoll jekk minn barra jidher li ma ksibna xejn u qisna impotenti quddiem il-qawwiet tal-ħażen. Għalhekk minn naħa l-waħda, l-azzjonijiet tagħna jnisslu tama għalina u għall-oħrajn, imma fl-istess ħin, hi t-tama qawwija msejsa fuq il-wegħdiet t'Alla li ttina kuraġġ u tmexxilna riġlejna fi żminijiet tajba u f'oħrajn ħżiena. *(Enċiklika* Spe Salvi, *35)*

Sar ħafna progress fil-battalja kontra t-tbatija fiżika; imma t-tbatijiet tal-innoċenti u t-tbatija mentali, f'dawn l-aħħar żminijiet żdiedu, mhux naqsu. … Dan għaliex il-bniedem mhux kapaċi jxejjen il-qawwa tal-ħażen, tad-dnub li, kif naraw ċar daqs il-kristall, hu għajn ma taqtax ta' tbatija. Alla waħdu kapaċi jagħmel dan … 'li jneħħi d-dnub tad-dinja'. Bil-Fidi fl-eżistenza ta' din il-qawwa, it-tama għall-fejqan tad-dinja ħarġet fl-istorja. *(*Spe salvi, *36)*

Nistgħu nippruvaw nillimitaw it-tbatija, niġġilduha, imma ma nistgħux inxejnuha għal kollox. Huwa sewwasew meta nippruvaw naħarbu mit-tbatija billi nitwarrbu minn kull

ħaġa li tista' ġġibilna wġigħ, meta nippruvaw naħarbu mill-isforz, u t-tbatija li jġib miegħu, fil-kisba tal-verità, tal-imħabba, tat-tjubija, huwa hemm li nkunu ntlaqna mal-kurrent ta' ħajja vojta, li forsi ma fihiex tbatija, imma fejn is-sensazzjoni mtarrxa, mudlama ta' ħajja bla sens u ta' solitudni żgur li hi l-aktar akuta. Ma nfiqux billi nwarrbu fil-ġenb fejn tidħol it-tbatija, imma nfiequ bil-kapaċità tagħna li naċċettawha, billi nimmaturaw permezz tagħha u nsibu sens f'għaqda ma' Kristu li bata b'imħabba infinita. (Spe salvi, *37*)

X'hemm li jista' joħloq mill-ġdid l-entużjażmu u l-kunfidenza? X'hemm li jqawwi l-qalb lill-ispirtu biex jerġa' jagħraf jaqbad mill-ġdid it-triq, jerfa' għajnejh lejn ix-xefaq, joħlom f'ħajja li tixraq lis-sejħa tiegħu, jekk mhux is-sbuħija? Egħżież ħbieb, bħala artisti intom tafu tajjeb li l-esperjanza ta' dak li hu sabiħ, il-ġmiel awtentiku, mhux dak li jgħaddi u artifiċjali, m'hi xejn fattur supplementari jew sekondarju fit-tfittxija tagħna għas-sens tal-ħajja u tal-kuntentizza; l-esperjenza ta' dak li hu sabiħ … twassal lejn laqgħa wiċċ imb'wiċċ mar-realtà fil-ħajja tagħna ta' kuljum, teħlisha mid-dlam, tibdilha, tagħmilha tiddi u sabiħa. Is-sbuħija – kemm dik tal-univers naturali u dik espressa fl-arti – sewwasew għax tiftaħ u twessa' l-orizzonti tal-konoxxenza tal-bniedem, turina b'subgħajha t-triq lil hinn minna, iġġibna wiċċ imb'wiċċ mal-baħħ tal-Infinità, taf tkun il-mogħdija lejn it-traxxendent, lejn il-Misteru aħħari, lejn Alla. *(Indirizz lill-artisti, 21 Novembru 2009).*

Il-kultura tal-lum hija mmarkata, kemm bir-relativiżmu u s-soġġetiviżmu, kif ukoll b'metodi u atteġġjamenti li xi drabi huma superfiċjali, anke banali. Dawn huma ta' ħsara għas-serjetà tar-riċerka u r-riflessjoni, u bħala konsegwenza, għad-djalogu, l-iskambju u l-komunikazzjoni interpersonali. Għalhekk huwa neċessarju biex mill-aktar fis jinħolqu mill-ġdid il-kundizzjonijiet essenzjali għal … studju u riċerka aktar profondi. Dawn iwasslu biex id-djalogu u l-iskambju dwar bosta problemi jkunu aktar raġonevoli u effettivi, bil-għan … li sseħħ formazzjoni li ġġib il-bniedem 'il quddiem fis-sħuħija kollha tiegħu. *(Diskors lill-membri tal-Akkademji Pontifiċji, Vatikan, 28 Jannar 2010)*

# Viżjoni ta' Knisja-Komunjoni fit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI

Il-komunjoni ta' mħabba li torbot flimkien l-Iben mal-Missier u mal-bnedmin hi fl-istess waqt il-mudell u l-għajn tal-komunjoni fraterna li għandha tgħaqqad id-dixxipli flimkien: .. 'biex ikunu huma lkoll ħaġa waħda.. kif aħna wkoll ħaġa waħda' *(Ġw 17:21-22). (Udjenza Ġenerali, 29 Marzu 2006)*

> Kif nistgħu nagħtu aktar spazju għall-ħidma fejjieda ta' Alla fina bħala individwi, familji, gruppi, parroċċi, u fid-djoċesi tagħna?
> Nistgħu nifirdu l-komunjoni tagħna ma' Alla minn dik ta' bejnietna bħala nsara?

It-talb, għalhekk, hu l-attività prinċipali tal-Knisja li qed titwieled, u li permezz tiegħu tirċievi l-għaqda mill-Mulej u tħalli r-rieda tiegħu tmexxiha. *(Omelija ta' Pentekoste, Bażilka ta' San Pietru, 11 Mejju 2008)*

Ejja nitolbu għal xulxin, biex il-Mulej iġorrna u biex nitgħallmu nġorru lil xulxin. *(Omelija fil-Quddiesa tal-bidu tal-Pontifikat fi Pjazza San Pietru, 24 Mejju 2005)*

Barra milli ninkoraġġixxi lil individwi li jemmnu biex isibu ħin għal talb personali quddiem is-Sagrament tal-Altar, inħoss id-dmir li nħeġġeġ parroċċi u gruppi oħra tal-Knisja biex iħallu ħinijiet għal adorazzjoni kollettiva. *(Eżortazzjoni Appostolika dwar l-Ewkaristija,* Sacramentum Caritatis, *22 Frar 2007)*

> Nistgħu nimxu f'din it-triq bl-isforzi tagħna biss? Jista' n-nisrani jintilef f'attività biss bla ma' jkollu relazzjoni ma' Alla kemm bħala persuna u kemm bħala membru ta' kwalunkwe grupp?

F'Pentekoste l-Ispirtu, bid-don tal-ilsna, juri li l-preżenza tiegħu iġġib l-għaqda u tibdel il-*konfużjoni* f'*komunjoni***.** *(Omelija ta' Pentekoste, Pjazza San Pietru, 04 Lulju 2006)*

Kif nagħrfu jekk l-għaqda ta' bejnietna hix ġenwina u jekk hix ġejja mill-Ispirtu ta' Alla?

Ejja nġeddu l-għarfien tagħna dwar …ir-responsabiltà tal-Knisja li tkun ..sinjal u strument tas-sliem ta' Alla għall-ġnus kollha. *(Omelija ta' Pentekoste, Bażilka ta' San Pietru, 11 Ġunju 2008)*

Qegħda l-Knisja li fiha aħna msieħba tkun tassew sinjal u strument tal-komunjoni b'missjoni fid-dinja ?

Qegħdin naħdmu flimkien fil-bini tal-Ġisem Mistiku? *(Omelija, St Patrick's Cathedral, New York, 19 April 2008)*

Il-Knisja.. għandha tiftaħ il-fruntieri bejn il-bnedmin u tkisser il-ħitan ta' firda bejn klassi u razza. Fiha ma jistax ikun hemm min hu minsi jew umiljat. Fil-Knisja hemm biss aħwa liberi ta' Ġesù Kristu. *(Omelija, Ordinazzjoni Saċerdotali, Bażilka ta' San Pietru, 15 Mejju 2005)*

Fil-komunità ta' dawk li jemmnu ma jista' qatt ikun hemm wisgħa għal faqar li jiċħad lil xi ħadd il-meħtieġ għal ħajja dinjituża. *(Enċiklika* Deus Caritas Est*, 25 Diċembru 2005, n.20)*

Kif qed naġixxu bħala komunitajiet umani u nsara ma' min hu differenti minna?

L-Ewkaristija hi element kostruttiv tal-eżistenza u l-attività tal-Knisja…Il-liturġija hi espressjoni raġġjanti tal-misteru tal-Għid, li fih Kristu jiġbidna lejh u jsejħilna għall-komunjoni. *(Eżortazzjoni Appostolika* Sacramentum Caritatis*, n.15)*

Kif qed ikunu espressjoni ta' dan il-liturġiji tagħna, specjalment l-Ewkaristija? Kif se naslu għal dan?

Il-veru skop tal-vjaġġ tagħna hu l-komunjoni ma' Alla. Hu nnifsu hu d-dar ta' ħafna għamajjar (ara Ġw 14:2ss); imma aħna

nistgħu biss nogħlew lejn dawn l-għamajjar billi nimxu 'lejn il-Galilija', nivvjaġġaw fil-mogħdijiet tad-dinja, inwasslu l-Vanġelu lill-popli kollha, inġorru d-don tal-imħabba tiegħu lill-irġiel u n-nisa taż-żminijiet kollha. *(Omelija, Corpus Domini, Ruma, 26 Mejju 2005)*

> Aħna tassew komunità li tħobb il-bniedem ta' żmienna? Il-bniedem tallum iħossna qrib tiegħu? Id-don tal-imħabba hu fil-fatt l-ewwel don li nixtiequ naqsmu mal-bniedem tallum? Nixtiequ li lkoll ninġabru flimkien f'komunjoni waħda?

Il-partecipazzjoni attiva tal-lajċi ma tieħu ebda ġid mill-konfużjoni li toħrog mill-fatt li wieħed ma jagħrafx, fil-komunjoni tal-Knisja, il-funzjonijiet differenti partikulari ta' kull wieħed. (Eżortazzjoni Appostolika *Sacramentum Caritatis*, n.35)

> Min hu responsabbli biex din il-mentalità tissawwar u tissoda? Kif se naslu? Il-'vokazzjoni' hi biss tas-saċerdot u tar-reliġjuż/a? Il-komunjoni nħarsu lejha bħala Bxara Tajba fi żmienna?

Il-Komunjoni hi tassew il-Bxara t-Tajba, r-rimedju mogħti lilna mill-Mulej biex niġġieldu s-solitudni li llum thedded lil kulħadd, id-don prezzjuż li jġiegħelna nħossuna milqugħa u maħbuba minn Alla, fl-għaqda tal-Poplu tiegħu miġbur f'isem it-Trinità; hi d-dawl li jagħmel il-Knisja tiddi bħal dawl fil-għoli fost il-ġnus. *(Udjenza Ġenerali, 29 Marzu 2006)*

> Irnexxielna nsibu modi ġodda ta' kif il-Knisja tista' tiddi b'dan il-mod speċjalment fl-aspett ta' xhieda ta' komunjoni?

Minn komunjoni sħiħa miegħu joħorġu l-elementi kollha tal-ħajja tal-Knisja; l-ewwelnett il-komunjoni bejn il-fidili kollha, l-impenn għax-xandir u x-xhieda tal-Vanġelu, l-imħabba kbira għal kulħadd, u speċjalment għall-ifqar u l-aktar umli. *(Quddiesa mal-Kardinali, Kappella Sistina, 20 April 2005)*

> Xi tfisser għalina 'il-Knisja tal-Fqar'? Lejn min narawh imur l-aktar lil Ġesù tal-Vanġelu? Fiex aħna fil-komunjoni sħiħa miegħu?

Il-mogħdija lejn komunjoni sħiħa kif xtaqha Ġesù għad-dixxipli tiegħu teħtieġ, flimkien ma' doċilità għal dak li l-Ispirtu jgħid lill-Knejjes, kuraġġ, ġentilezza, fermezza u tama, biex nilħqu l-iskop tagħna. Fuq kollox, teħtieġ talb persistenti u qalb waħda, biex niksbu mir-Ragħaj it-Tajjeb id-don tal-għaqda tal-merħla tiegħu.... Il-Knisja trid tkompli tibni pontijiet ta' ħbiberija ma' dawk tar-reliġjonijiet kollha, biex tfittex il-ġid veru ta' kull persuna u tas-socjetà kollha kemm hi. *(Diskors lil delegati minn Knejjes u Komunitajiet ekkleżjali oħra u minn Reliġjonijiet oħra, 25 April 2005)*

Għinna nkunu qaddejja tal-għaqda! *(Omelija fil-Quddiesa tal-bidu tal-Pontifikat fi Pjazza San Pietru, 24 April 2005)*

Kif nistgħu nrawmu u nħeġġu din ix-xewqa għall-għaqda speċjalment bejn l-Insara, bla ma nħossuna mhedda, anzi b'sens ta' missjoni li jkollha impatt veru fuq is-soċjetà?

# Is-Saċerdot fit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI

## 1. Is-Sagrament tal-Ordni Sagri

'Ġesù … jipproklama … li hu nnifsu huwa r-Ragħaj it-Tajjeb li permezz tiegħu Alla nnifsu jieħu ħsieb il-ħlejqa tiegħu, il-bniedem, jiġbor flimkien lill-bnedmin u jmexxihom lejn il-mergħa vera…Is-Sagrament tal-Ordni jesprimi preċiżament dan il-punt: **permezz tas-Sagrament is-saċerdot huwa inserit kollu kemm hu fi Kristu**, sabiex billi jibda minnu u jaġixxi taħt għajnejh huwa jkun jista' jwettaq f'komunjoni miegħu is-servizz ta' Ġesù, ir-Ragħaj uniku, li fih Alla, bħala bniedem, irid ikun ir-Ragħaj tagħna.' *(Omelija, Ordinazzjoni tal-Presbiteri, Vatikan 07 Mejju 2006)*

'Wieħed isir saċerdot permezz tas-Sagrament, **u dan ifisser preċiżament: bl-għotja tiegħek innifsek lil Kristu, sabiex ikun jista' jużani; sabiex inkun nista' naqdih u nimxi wara s-sejħa tiegħu**, anki jekk dan imur kontra x-xewqa li nilħaq is-sodisfazzjon u l-istima personali tiegħi.' *(Idem)*

'Li nsiru saċerdoti fil-Knisja tfisser li permezz tas-Sagrament tal-Ordni **nidħlu f'din l-għotja tiegħu innifsu (ta' Kristu) u li nidħlu fih bl-esseri tagħna kollu**.' *(Omelija, Ordinazzjoni tal-Presbiteri, Vatikan 03 Mejju 2009)*

'…Ħamis ix-Xirka hija okkażjoni għalina (saċerdoti) biex ta' spiss insaqsu lilna nfusna: għal xiex għidna l-'iva' tagħna? Xi tfisser 'tkun saċerdot ta' Ġesù Kristu'? It-tieni Kanoni tal-Missal tagħna … jiddeskrivi l-essenza tal-ministeru saċerdotali bil-kliem li bih, fil-Ktieb tad-Dewteronomju (18:5,7), huwa deskritt l-essenza tas-saċerdozju tal-Antik Testment: **astare coram te et tibi ministrare (li tkun fil-preżenza tal-Mulej u taqdi f'ismu)**. Hemm mela żewġ dmirijiet li jiddefinixxu l-essenza tal-ministeru

saċerdotali: l-ewwelnett, 'li tieqaf quddiem il-preżenza (tal-Mulej)'...li tħares lejh, li tkun hemm għad-dispożizzjoni tiegħu...Is-saċerdot irid ikun bniedem rett, viġilanti, persuna li trid tibqa' wieqfa. Is-servizz huwa mbagħad magħdud ma' dan. 'Li taqdi lill-Mulej' ...li **titgħallem ukoll li tagħraf lill-Mulej fil-kelma tiegħu u twassalha lil dawk kollha afdati f'idejk'.** *(Omelija, Quddiesa taż-Żjut, Ħamis ix-Xirka, Vatikan 20 Marzu 2008)*

## 2. Il-Missjoni tas-Saċerdot

'Għeżież ħbieb, din ukoll hija l-missjoni tagħkom: **li twasslu l-Evanġelju lil kulħadd sabiex kulħadd ikun jista' jġarrab il-ferħ ta' Kristu u sabiex ikun hemm il-ferħ f'kull belt.** X'jista' jkun hemm iktar sabiħ minn dan?' *(Omelija, Ordinazzjoni tal-Presbiteri, Vatikan 27 April 2008)*

'Li taqdi lill-Mulej' – il-qadi saċerdotali preċiżament ifisser ukoll **li nitgħallmu nkunu nafu lill-Mulej fil-Kelma tiegħu u li nwassluha lil dawk li huma afdati lilna**.' *(Omelija, Quddiesa taż-Żjut, Ħamis ix-Xirka, Vatikan 20 Marzu 2008)*

'Ovvjament, saċerdot, ragħaj tal-erwieħ, **għandu qabel xejn jieħu ħsieb dawk li jemmnu u jgħixu bil-Knisja, li jfittxu fiha il-ħajja tagħhom** u li, min-naħa tagħhom, bħala ġebel ħaj, jibnu l-Knisja, u b'hekk, ikunu qegħdin jibnu u jwieżnu lis-saċerdot. Però, irridu wkoll – bħalma qal il-Mulej – noħorġu dejjem mill-ġdid 'fil-mogħdijiet u fl-egħlieqi' (Lq 14:23) biex **inwasslu l-istedina ta' Alla għall-Ikla tiegħu lil dawk ukoll li s'issa għadhom ma semgħu xejn jew li għadhom ma ġewx imċaqilqa minn ġewwa.**' *(Omelija, Ordinazzjoni Presbiteri, Vatikan 07 Mejju 2006)*

'Konsagrazzjoni tfisser **mela li ħaġa tittieħed mid-dinja biex tingħata lil Alla l-ħaj**. L-oġġett jew persuna ma tibqax tagħna, u lanqas tagħha nnifsiha, imma tkun inserita f'Alla. Din li tagħti xi ħaġa biex tingħata lil Alla aħna nsejħulha wkoll sagrifiċċju: dan l-oġġett mhux se jibqa' proprjetà tiegħi, imma tiegħu…l-essenza tas-saċerdozju (huwa dan): **xi ħaġa tgħaddi mingħand xi ħadd għal għand xi ħadd ieħor, li tittieħed mid-dinja u tingħata lil Alla**.' *(Omelija, Quddiesa taż-Żjut, Hamis ix-Xirka, Vatikan 09 April 2009)*

## 3. Iċ-ċaħda u s-Salib fil-ħajja tas-Saċerdot

'Ġesù kien 'imwarrab'…Hekk l-appostlu, bħas-saċerdot, iġarrab huwa wkoll **is-Salib, u permezz tiegħu biss jista' jkun tassew utli għall-bini tal-Knisja.** Alla jħobb jibni l-Knisja permezz ta' nies li, fil-waqt li jimxu wara Kristu, ipoġġu l-fiduċja kollha tagħhom f'Alla biss.' *(Omelija, Ordinazzjoni tal-Presbiteri, Vatikan 03 Mejju 2009)*

'Inkunu magħqudin ma' Kristu **titlob minna iċ-ċaħda**. Tfisser li ma nkunux irridu li tgħaddi tagħna, li nagħmlu r-rieda tagħna, li nsiru xi ħadd ieħor, imma li nintelqu f'idejh, ikun xi jkun kif jew fejn irid jużana.' *(Omelija, Quddiesa taż-Żjut, Hamis ix-Xirka, Vatikan 09 April 2009)*

'Il-ħajja ma tingħatax biss fil-mument tal-mewt u mhux biss bil-martirju. Irridu nagħtuha ġurnata b'ġurnata. **Jum wara jum jeħtieġ nitgħallem li ħajti mhix tiegħi għalija nnifsi. Jum wara jum irrid nitgħallem nintelaq (f'idejn Alla);** li nkun lest inwettaq dak kollu li hu, il-Mulej, jeħtieġ mingħandi f'mument partikulari, anki jekk affarijiet oħra jkunu jidhru iktar jogħġbuni jew importanti għalija: tfisser li tagħti ħajtek u mhux teħodha.' *(Omelija, Ordinazzjoni tal-Presbiteri, Vatikan 07 Mejju 2006)*

## 4. It-Talb fil-Ħajja tas-Saċerdot

'Li nidħlu fil-Verità, fi Kristu – parti minn dan il-proċess **huwa t-talb, li fih aħna neżerċitaw il-ħbiberija tagħna miegħu u wkoll insiru nafuh:** hu kif inhu, kif jaħsibha, kif jaġixxi. It-talb huwa vjaġġ fil-komunjoni personali ma' Kristu'. *(Omelija, Quddiesa taż-Żjut, Hamis ix-Xirka, Vatikan 09 April 2009)*

'Hawnhekk irrid immiss punt li huwa ħafna għal qalbi: it-talb u r-rabtiet tiegħu mal-qadi. Rajna li nkunu ordnati saċerdoti tfisser li nidħlu b'mod sagramentali u eżistenzjali fit-talba ta' Kristu għal dawk 'li huma tiegħu'. Minn dan, aħna s-saċerdoti nirċievu sejħa speċjali għat-talb f'sens qawwi Kristoċentriku: jiġifieri, **aħna msejħin biex 'nibqgħu' fi Kristu,** kif l-evanġelista Ġwanni jħobb jirrepeti (ara Ġw 1:35-39; 15: 4-10) u dan jintlaħaq speċjalment permezz tat-talb. **Il-ministeru tagħna huwa kollu marbut ma' dan li fi kliem ieħor ifisser it-talb, u minnu jidddependi il-ġid li joħroġ.**' *(Omelija, Ordinazzjoni tal-Presbiteri, Vatikan 03 Mejju 2009)*

## 5. It-tentazzjoni tal-Attiviżmu

'L-attiviżmu fih innifsu jista' jkun ukoll erojku, imma fl-aħħar mill-aħħar **l-attività esterna tkun bla frott u titlef l-effett tagħha jekk kemm-il darba ma tkunx ġejja minn komunjoni interjuri profonda ma' Kristu**. Il-ħin li nagħtu għal dan huwa tassew ħin ta' attività pastorali, ta' attività pastorali awtentika. Is-saċerdot irid ikun fuq kollox bniedem ta' talb.' *(Omelija, Quddiesa taż-Żjut, Ħamis ix-Xirka, Vatikan 13 April 2006)*

## 6. Il-periklu tal-familjarità

'Taqdi lil Mulej'…Hemm żewġ aspetti oħra li jagħmlu parti minn dan il-qadi. Ħadd mhu iktar qrib tal-Imgħallem daqs il-qaddej li għandu aċċess għall-iktar dimensjonijiet privati tal-ħajja tiegħu. F'dan is-sens, 'li taqdi' tfisser li tkun qrib, titlob familjarità. Din il-familjarità iġġib magħha wkoll periklu: **billi aħna (s-saċerdoti) il-ħin kollu niltaqgħu ma' dak li hu sagru, dan jista' jsir drawwa għalina**. B'dan il-mod il-biża' reverenzjali tintefa. Ikkondizzjonati bid-drawwiet kollha tagħna ma nibqgħux naraw il-fatt kbir, ġdid u sorprendenti li hu nnifsu huwa preżenti, jitkellem magħna, jagħti lilu nnifsu lilna. Irridu għalhekk nitqabdu l-ħin kollu biex ma nieħdux din ir-realtà straordinarja bħala drawwa. Irridu neħduha kontra l-indifferenza tal-qalb, fil-waqt li nkunu dejjem konxji mill-ġdid tan-nuqqasijiet tagħna u tal-grazzja li hemm fil-fatt li hu ta lilu nnifsu f'idejna.' *(Omelija, Quddiesa taż-Żjut, Ħamis ix-Xirka, Vatikan 20 Marzu 2008)*

## Is-Saċerdot u l-Ewkaristija

'Biex tkunu ministri denji tiegħu, **jeħtieġ tmantnu lilkom infuskom kontinwament bl-Ewkaristija,** li hi l-għajn u l-quċċata tal-ħajja nisranija.' *(Omelija, Ordinazzjoni tal-Presbiteri, Vatikan 29 April 2007)*

# Il-Papa Benedittu XVI dwar il-Ħajja Kkonsagrata

Sa mill-bidu tagħha, il-Ħajja kkonsagrata kienet immarkata bl-għatx għal Alla: *quaerere Deum*. J'Alla l-ewwel u l-akbar xewqa tagħkom tkun li tagħtu xhieda tal-fatt li jeħtieġ li lil Alla nisimgħuh u nħobbuh b'qalbna kollha, b'moħħna kollu u bil-qawwa kollha tagħna, qabel kollox u kulħadd. *(Lir-reliġjużi tad-djoċesi ta' Ruma, 10 Diċembru 2005)*

Il-ħajja ta' talb u ta' kontemplazzjoni li hi mibnija fuq il-misteru Ewkaristiku hija wkoll il-qalb tal-vokazzjoni tal-persuni kkonsagrati u li għażlu t-triq tas-*sequela Christi*, li jingħataw lill-Mulej b'qalb sħiħa u f'relazzjoni mill-iżjed intima miegħu. Bir-rabta inkondizzjonata li għandhom ma' Kristu u mal-Knisja tiegħu, il-missjoni speċjali li għandhom hija li jfakkru li kulħadd huwa msejjaħ għall-qdusija…L-irġiel u nisa kkonsagrati jwasslu l-messaġġ li Alla biss jagħti sens sħiħ lill-eżistenza umana. *(Lill-Isqfijiet Kanadiżi, 11 Mejju 2006)*

Fid-dinja dejjem iżjed konfuża u diżorjentata, l-irġiel u n-nisa kkonsagrati għandhom il-missjoni li jagħtu xhieda tal-preżenza t'Alla li tittrasfigura l-istess dinja. Intom tal-Mulej: dan huwa l-mod li fih għażiltu tixbħu lil Kristu – kast, fqir u ubbidjenti – sabiex id-dinja temmen u ssalva. Din ir-rabta tant speċjali u sħiħa li għandkom ma' Kristu teħlisna mis-seduzzjoni tal-idoli foloz li toffri d-dinja. *(Indirizz lis-Superjuri Ġenerali tal-Istituti tal-Ħajja kkonsagrata, 22 Mejju 2006)*

Dawk li l-Mulej għażilhom għall-ħajja kkonsagrata jagħtu xejra definittiva lix-xewqa profonda li l-bniedem għandu għal Alla. B'din l-għażla juru li għandhom ħolma waħda biss: is-Saltna t'Alla, li Alla jsaltan permezz tar-rieda tagħna, f'qalbna, f'din id-dinja. Fihom hemm jaqbad dak l-għatx li huwa mitmum biss bl-imħabba ta' dak li hu Etern. *(Messaġġ fil-Jum Mondjali tal-Ħajja kkonsagrata, 02 Frar 2007)*

L-eżempju tagħhom id-dinja ma tifhmux u tinfixel quddiemu, għax ma fehmitx li "l-imħabba dejjiema aħjar mill-ħajja". *(Idem)*

Meta xi ħadd jitlaq u jinqata' minn kollox biex jimxi wara Kristu, proprju fuq l-eżempju kuraġġjuż tal-Mulej innifsu, il-persuna kkonsagrata neċessarjament issir "sinjal ta' kontradizzjoni", għax qegħda tmur fid-direzzjoni opposta tal-loġika ta' din id-dinja. *(Idem)*

Dan il-ħelsien ġdid... deher fuq kollox fiċ-ċaħdiet il-kbar, ibda mill-irħieb tal-qedem sa Franġisk ta' Assisi u san-nies ta' żmienna, li fl-Istituti u l-Movimenti reliġjużi moderni, għall-imħabba ta' Kristu ħallew kollox biex iwasslu lill-bnedmin il-fidi u l-imħabba ta' Kristu, biex jgħinu l-persuni li jbatu fil-ġisem u fir-ruħ. Hemm is-"sustanza" l-ġdida kienet imġarrba tabilħaqq bħala "sustanza", mit-tama ta' dawn in-nies mimsusa minn Kristu ħarġet tama għall-oħrajn li kienu jgħixu fid-dlam u bla tama. Hemm intwera li din il-ħajja l-ġdida għandha tabilħaqq "sustanza" u "sustanza" li tagħti l-ħajja lill-oħrajn. *(Enċiklika* Spe Salvi*, n.8)*

# Il-Papa Benedittu XVI dwar il-Lajċi

"Ir-rwol speċifiku tal-lajk huwa li jlewwen l-ordni temporali bi spirtu Nisrani u li jibdlu biex ikun konformi mal-pjan divin." *(Lill-Isqfijiet tal-Paraguay, Castel Gandolfo, 10 Settembru 2008)*

"Sabiex il-messaġġ nisrani jkun jista' jasal fl-ibgħad kantunieri tad-dinja, meħtieġa il-koperazzjoni tal-lajċi. … Il-lajċi jridu jaħdmu sabiex jippromwovu l-ġustizzja u l-onestà, u biex jiddefendu valuri importanti, bħall-qdusija tal-ħajja umana u d-dinjità taż-żwieġ u l-familja." *(Idem)*

"In-nuqqas gravi ta' saċerdoti ma għandu qatt iċajpar id-differenza bejn ir-rwol tal-lajċi u dak tal-kleru ordnat. … Meħtieġ li tkun evitata s-sekularizzazzjoni tal-qassisin u l-klerikalizzazzjoni tal-lajċi." *(Lill-Isqfijiet tal-Brażil, Castel Gandolfo, 17 Settembru 2009)*

"Wasal iż-żmien li nistaqsu lilna nfusna dwar fejn waslet id-Djoċesi (ta' Ruma) tagħna u kemm nirrikonoxxu u ninkoraġġixxu l-koresponsabiltà ta' kulħadd, b'mod partikulari tal-lajċi. Il-mandat tal-evanġelizzazzjoni ma jikkonċernax lil ftit, imma lill-imgħammdin kollha." *(Fil-ftuħ tal-Laqgħa Pastorali għad-Djoċesi ta' Ruma, San Ġwann Lateran, 26 Mejju 2009)*

"Għad fadal triq twila x'nimxu. Bosta mill-imgħammdin ma jħossuhomx parti mill-komunità ekkleżjali u jgħixu emarġinati, jiġu biss fil-parroċċi f'ċerti okkażżjonijiet biex jirċievu servizzi reliġjużi. Meta mqabbel man-numru ta' dawk li jgħixu fil-parroċċa, il-lajċi li lesti jaħdmu f'oqsma appostoliċi għadu żgħir wisq." *(Idem)*

"Il-Poplu ta' Alla jfisser aħna lkoll – mill-Papa sa l-aħħar tarbija li kienet mgħammda." *(Idem)*

"Huwa meħtieġ li nsaħħu l-istrutturi pastorali b'mod li ftit ftit, il-koresponsabiltà tal-membri kollha tal-Poplu ta' Alla tiġi promossa. Meħtieġa bidla ta' mentalità. Il-lajċi ma jistgħux ikunu meqjusa bħala kollaboraturi tal-kleru, imma għandhom ikunu rikonoxxuti bħala koresponsabbli għall-eżistenza u l-azzjoni tal-Knisja u b'hekk tissaħħaħ il-konsolidazzjoni ta' lajċi maturi u mpenjati." *(Idem)*

"Din il-kuxjenza komuni li aħna Knisja tal-imgħammdin kollha, bl-ebda mod ma tnaqqas mir-responsabiltà tal-kappillani. Hija proprju r-responsabiltà tagħkom, għeżież kappillani, li trawwmu l-iżvilupp spiritwali u appostoliku ta' dawk li diġà kkommettew lilhom infushom biex jaħdmu fil-parroċċi. Dawn huma l-qalba tal-komunità li sservi ta' ħmira għall-oħrajn. Għalkemm jiġri li spiss dawn il-komunitajiet huma żgħar, biex ma tħalluhomx jitilfu l-identità u l-ħeġġa tagħhom, iridu jkunu mgħallma li jisimgħu il-Kelma ta' Alla fi spirtu ta' talb, u dan permezz tal-prattika tal-*lectio divina*. ... Imma jekk il-Kelma tiġbor il-komunità, hija l-Ewkaristija li tagħmilha ġisem wieħed. Għalhekk il-Knisja mhix ir-riżultat ta' individwi miġbura flimkien, imma l-unità ta' dawk li huma mgħajjxa mill-Kelma ta' Alla u l-Ħobż tal-Ħajja." *(Idem)*

## Domandi għar-riflessjoni

- Nemmen li jiena wkoll għandi responsabiltà x'inġorr fil-missjoni li Kristu ħalla f'idejn il-Knisja?
- Kif qed nipprova nwettaq din ir-responsabiltà?
- X'inhuwa l-iskop veru tal-ħidma li qed inwettaq?
- Qatt ikkunsidrajt li l-missjoni li nwettaq fil-parroċċa mhix tiegħi, imma ta' Kristu?
- Għalija, min huma s-saċerdoti?
- Infittex xejn li nifforma aħjar lili nnifsi sabiex inkun nista' naqdi aħjar il-missjoni tiegħi fil-parroċċa?
- Naħdem xejn mal-oħrajn jew nippreferi naħdem għal rasi?

# Il-Papa Benedittu XVI dwar il-Liturġija u s-Sagramenti

L-Eżortazzjoni Appostolika *Sacramentum Caritatis* (22 Frar 2007) tal-Papa Benedittu XVI tesplora l-post tal-Ewkaristija fil-ħajja tal-Knisja kemm bħala ċ-ċentru u l-quċċata ta' ħajjitha u wkoll billi titfa dawl fuq l-attività kollha tal-Knisja. Id-dokument jieħu ispirazzjoni mill-propożizzjonijiet tas-Sinodu tal-Isqfijiet u tpoġġihom fil-kuntest tat-tagħlim tal-Knisja.

Id-dokument hu maqsum fit-tliet taqsimiet: L-Ewkaristija bħala (i) misteru li għandna nemmnu fih, (ii) niċċelebrawh u (iii) ngħixuh.

Dan jirrifletti l-istruttura tal-Katekiżmu. Il-Papa jgħaqqad dan it-tagħlim mal-ewwel enċiklika tiegħu, *Deus caritas est*, li fiha jsemmi ta' spiss is-sagrament tal-Ewkaristija u jisħaq dwar ir-rabta mal-imħabba nisranija, kemm għal Alla u kemm għall-proxxmu. Dawn huma żewġ siltiet:

Is-sagrament tal-karità, l-Ewkaristija Mqaddsa hi r-rigal li Ġesù Kristu ħalla tiegħu nnifsu. Hekk kixfilna l-imħabba infinita ta' Alla għal kull raġel u mara. X'għaġeb għandu jqajjem f'qalbna l-misteru Ewkaristiku! (*Sacramentum Caritatis*, n.1)

Il-vera hena jinsab fl-għarfien li l-Mulej għadu magħna, jakkumpanjana b'fedeltà matul it-triq. L-Ewkaristija twettaq fina l-iskoperta li Kristu, irxuxtat mill-mewt, hu magħna llum fil-misteru tal-Knisja, li hi Ġismu. Aħna sirna xhieda ta' dan il-misteru ta' Mħabba. Ejjew inħeġġu lil xulxin biex nimxu bil-ferħ, qalbna mgħaġġba, lejn il-laqgħa tagħna mal-Ewkaristija Mqaddsa, biex aħna nesperjenzaw u nxandru lill-oħrajn il-verità fil-kliem li qal Ġesù qabel ħalla lid-dixxipli: "Ara, Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar tad-dinja" (Mt 28:20). (*Sacramentum Caritatis*, n.97)

Fi Frar 2007, il-Papa indirizza lill-konfessuri tal-erba' bażiliċi papali f'Ruma. Hu kellimhom dwar *il-missjoni tal-konfessur* u daħal fil-fond tal-post tas-saċerdot konfessur fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Din hija silta minnu:
F'dan il-proċess misterjuż ta' tiġdid interjuri, il-konfessur mhuwiex spettatur passiv imma *persona dramatis*, jiġifieri hu strument attiv tal-ħniena divina.

Fil-bidu tas-Sena għas-Saċerdoti, il-Papa xandar *Ittra lis-Saċerdoti* kollha biex iħeġġiġhom jirriflettu fuq ħajjithom u l-ministeru tagħhom (16 Ġunju 2009):

Fid-dinja tallum, bħaż-żminijiet imħawdin tal-Kurat t'Ars, il-ħajja u l-attività tas-saċerdoti jeħtieġu jingħarfu permezz ta' xhieda determinata tal-Vanġelu… Jekk ma rridux nesperjenzaw vojt eżistenzjali u l-ministeru tagħna jkun kompromess, jeħtieġ li nsaqsu lilna nfusna mill-ġdid: "Aħna tassew maħkuma mill-Kelma t'Alla? Veru li l-Kelma t'Alla hi l-ikel li bih ngħixu iktar mill-ħobż u l-ħwejjeġ ta' did-dinja? Nafuha verament il-Kelma? Inħobbuha? Inħalluha tbiddilna mill-qiegħ dil-Kelma hekk li tħalli marka f'ħajjitna u ssawwar il-mod kif naħsbu?

# Djakonija u Ġustizzja

Il-ġustizzja hi parti integrali minn dik l-imħabba fl-għemil u fis-sewwa. *(Udjenza Ġenerali, 08 Lulju 2009)*

Hemm żewġ kriteri operattivi: il-ġustizzja u l-ġid komuni. Bis-saħħa tal-aħħar, il-karità takkwista dimensjoni soċjali. Kull Nisrani hu msejjaħ biex jippratika din il-karità. *(Idem)*

Il-bniedem jista' jirrezisti u jegħleb l-uġigħ tal-ġuħ, imma ma jistax jgħix fejn il-ġustizzja u l-verità ma jeżistux. *(Laqgħa maż-żgħażagħ ta' Sardinja, Pjazza Yenne, Cagliari, 07 Settembru 2008)*

Il-fidi hi tanġibbli fl-universitajiet u fl-iskejjel tagħna? Qed tingħata espressjoni ferventi liturġika u sagramentali permezz tat-talb, atti ta' karità, interess fil-ġustizzja, u rispett lejn il-ħolqien ta' Alla? F'dan biss nistgħu nagħtu xhieda tat-tifsira ta' min aħna u fiex nemmnu. *(Laqgħa ma' edukaturi Kattoliċi, Università Kattolika tal-Amerika, Washington DC, 17 April 2008)*

L-Insara huma msejħa biex ifittxu l-ġustizzja; għad li jġorru fihom il-qawwa tal-imħabba, li saħansitra tmur lil hinn mill-ġustizzja. *(Laqgħa mal-membri tal-Unjoni Nisranija Taljana ta' Imprendituri u Managers UCID, Vatikan, 06 Marzu 2006)*

It-triq li mxew il-lajċi Nsara min-nofs tas-seklu dsatax sa issa, wasslithom biex jagħrfu li l-għemejjel tal-karità m'għandhomx jissostitwixxu l-impenn għall-ġustizzja soċjali. *(Idem)*

Irridu nwieġbu b'azzjoni soċjali imġedda li minnha toħroġ l-imħabba qawwija universali. B'hekk nassiguraw li l-għemejjel tagħna ta' ħniena u ġustizzja jsiru tama f'azzjoni għall-oħrajn. *(Laqgħa maż-żgħażagħ u s-seminaristi, St Joseph Seminary, Yonkers, New York, 19 April 2008)*

L-imħabba, 'caritas', hi meħtieġa dejjem; l-ebda soċjetà ma tista' tkun daqshekk ġusta li ma tinħtiġhiex. *(Enċiklika* Deus Caritas Est*, 25 Diċembru 2005, n.28)*

Il-karità titlob ġustizzja: l-għarfien u r-rispett lejn id-drittijiet leġittimi tal-individwi u l-popli *(Enċiklika* Caritas in Veritate*, 29 Ġunju 2009, n. 6)*

Il-ġustizzja u l-karità jeħtieġu x-xewqa għall-ġid komuni u l-ħidma għaliha *(Idem, n. 7)*

**Mistoqsijiet għar-riflessjoni**

- Għaliex aħna msejħa li nwieġbu kemm bl-imħabba kif ukoll bil-ġustizzja għall-ħtiġijiet umani?
- Mingħajr enerġija spiritwali l-ġustizzja ma tistax timxi 'l quddiem. Kif jistgħu l-għemejjel ta' imħabba jiġġeneraw enerġija spiritwali?
- X'rabta hemm bejn l-Ewkaristija, l-imħabba u l-ħidma għall-ġustizzja?
- X'inhu r-rwol tal-lajċi fil-Knisja fil-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali?

# Xandir tal-Kelma

**Il-Kardinal Joseph Ratzinger lill-katekisti u l-għalliema tar-reliġjon, f'Ruma, 10 Diċembru 2000**

- Li tevanġelizza jfisser…li tgħallem *l-arti ta' kif suppost tgħix*.
- Fil-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù jgħid: "Bagħatni…nwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin" (Lq 4:18); dan ifisser: Jien għandi t-tweġiba għall-mistoqsija fundamentali tiegħek; jien se nurik il-mogħdija għall-ħajja, it-triq lejn il-ferħ – anzi: Jien dik it-triq.
- Il-Knisja dejjem tevanġelizza u qatt ma waqfet tevanġelizza. Tiċċelebra l-misteru Ewkaristiku kuljum, tamministra s-sagramenti, ixxandar il-kelma tal-ħajja – il-Kelma ta' Alla, u tikkommetti lilha nfisha għall-kawżi ta' ġustizzja u karità.
- *Kulħadd għandu bżonn il-Vanġelu*; Il-Vanġelu hu maħsub għal kulħadd u mhux biss għal ċirku speċifiku, u hu għalhekk li aħna obligati li nfittxu modi ġodda kif inwasslu l-Vanġelu lil kulħadd.
- Neħtieġu *evanġelizzazzjoni ġdida…* Evanġelizzazzjoni ġdida ma tfissirx li tiġbed f'daqqa waħda folol kbar ta' nies li kienu tbiegħdu mill-Knisja, billi tuża metodi ġodda u iktar raffinati…Evanġelizzazzjoni ġdida tfisser…li tieħu r-riskju, għal darb'oħra u bl-umiltà, taż-żerriegħa ċkejkna, li tħalli f'idejn Alla il-meta u il-kif se tikber (Mk 4:26-29).
- Aħna ma rridux inżidu s-setgħa u t-tifrix tal-istituzzjonijiet tagħna, imma aħna nixtiequ *naqdu* għall-ġid tan-nies u tal-umanità, irridu li nagħtu l-wisa' lil dak li hu l-Ħajja.
- *Il-pjan Trinitarju* – li jidher fl-Iben, li ma jitkellimx f'ismu – juri l-mod ta' ħajja tax-xandar awtentiku tal-Kelma.
- Ix-xandir tal-Kelma mhux sempliċiment mod ta' kif wieħed jitkellem, imma *mod ta' ħajja*.
- Din il-forma Kristoloġika u pnewmatoloġika tal-evanġelizzazzjoni hi wkoll, fl-istess ħin, *forma ekkleżjoloġika.*

- Ġesù ppriedka mal-jum, u *talab* mal-lejl… Li titkellem *dwar* Alla u li titkellem *ma'* Alla jridu dejjem imorru flimkien.
- Ġesù ma fediex id-dinja bi kliem sabiħ imma bit-tbatija u l-mewt tiegħu. Il-Passjoni tiegħu…tagħti qawwa lid-diskors tiegħu.
- Is-suċċess tal-missjoni ta' Pawlu ma kienx frott ta' arti retorika qawwija jew ta' prudenza pastorali: is-suċċess tiegħu kien marbut mat-*tbatija*, mar-rabta tiegħu mal-Passjoni ta' Kristu.
- It-*teoloġija* jeħtieġ li terġa' tmur lura għal *teo-loġija* vera, li titkellem dwar u ma' Alla. It-teologu Metz għandu raġun: l-"unum necessarium" għall-bniedem hu Alla…Għalhekk, jeħtieġ li l-evanġelizzazzjoni, l-ewwelnett, titkellem dwar Alla, ixxandar l-uniku Alla veru: Il-Ħallieq – dak li Jqaddes – l-Imħallef.

**Benedittu XVI, fl-Angelus, fil-pjazza tal-Vatikan, fir-raba' Ħadd tal-Avvent, 23 Diċembru 2007**

- *Il-Verġni Marija*, li ma kkomunikatx lid-dinja idea, imma lil Ġesù, il-Kelma inkarnata, hi mudell uniku tal-evanġelizzazzjoni.
- Jalla kull nisrani u kull komunità tħoss *il-ferħ* li taqsam ma' oħrajn l-aħbar it-Tajba li "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih…ikollu l-ħajja ta' dejjem." (Ġw 3:16-17).

**Benedittu XVI fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, 2008**

- Hemm bżonn li nerġgħu niftakru li nistgħu nkunu xhieda ta' Kristu biss jekk *inħallu lill-Ispirtu s-Santu jmexxina*, hu li hu "l-aġent ewlieni tal-Evanġelizzazzjoni" (ara *Evangelii Nuntiandi*, n.75) u "l-aġent ewlieni tal-missjoni" (ara *Redemptoris Missio*, n.21).

- Hemm dawk li jaħsbu li jekk tippreżenta t-teżor prezzjuż tal-fidi lil bnedmin oħra li ma jemmnux, ifisser li qed turi nuqqas ta' tolleranza lejhom, imma mhux hekk, għaliex *li tippreżenta lil Kristu ma jfissirx li timponih fuq l-oħrajn* (ara *Evangelii Nuntiandi*, n.80).
- Elfejn sena ilu, it-tnax-il Appostlu taw ħajjithom biex Kristu jsir magħruf u maħbub. Matul is-sekli minn dak iż-żmien 'l hawn il-Vanġelu kompla jixtered permezz ta' rġiel u nisa ispirati mill-istess *ħeġġa missjunarja*. Illum ukoll hemm bżonn ta' dixxipli ta' Kristu li, b'mod ġeneruż, jagħtu mill-ħin u l-enerġija tagħhom biex jaqdu l-Vanġelu.
- Hemm bżonn li intom tkunu *qaddisin*, u li tkunu *missjunarji*, għaliex qatt ma nistgħu nifirdu l-qdusija mill-missjoni. (ara *Redemptoris Missio*, n.90).
- *Tibżgħux* issiru missjunarji qaddisin, bħal San Franġisk Saverju li vvjaġġa tul il-Lvant Imbiegħed biex ixandar l-aħbar it-tajba sakemm ħela saħħtu kollha, jew bħal Santa Tereża tal-Bambin Ġesù li kienet missjunarja għalkemm qatt ma ħalliet il-Kunvent Karmelitan. It-tnejn li huma "Patruni tal-Missjoni". Kunu lesti li toffru ħajjitkom biex iddawlu d-dinja bil-verità ta' Kristu; li twieġbu bl-imħabba għall-mibegħda u għan-nuqqas ta' rispett lejn il-ħajja; li xxandru t-tama ta' Kristu rxuxtat f'kull rokna tad-dinja.

**Mistoqsijiet għar-riflessjoni**

- X'jinvolvi x-xandir tal-Kelma?
- X'jifhem il-Papa bil-frażi "evanġelizzazzjoni ġdida"?
- X'sehem għandhom t-talb u t-tbatija fl-evanġelizzazzjoni?
- Min għandu jkun iċ-ċentru tal-evanġelizzazzjoni?
- X'sehem għandhom iż-żgħażagħ fix-xandir tal-Kelma?
- X'jidhirlek mill-mudelli li jqiegħed quddiemna l-Papa: Marija, omm Ġesù, San Franġisk Saverju u Santa Tereża tal-Bambin Ġesù?

# L-Edukazzjoni fit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI

## Temi Prinċipali li huma għal qalb il-Papa

- Ir-relazzjoni u l-komplimentarjetà bejn r-raġuni u l-fidi
- L-importanza ta' edukazzjoni sħiħa
- Il-post ċentrali tal-edukazzjoni tal-qalb fost is-suġġetti tekniċi u xjentifiċi
- Il-periklu tar-relativiżmu
- Il-periklu tal-framentazzjoni tal-għerf
- In-natura delikata tar-relazzjoni ta' bejn l-għalliem u l-istudent fejn it-tagħlim irid dejjem isseħħ f'kuntest ta' libertà u qatt ta' impożizzjoni. Dan japplika b'mod partikulari għall-preżentazzjoni tal-messaġġ tal-fidi

## Siltiet ta' min jirrifletti fuqhom mit-tagħlim tal-Papa Benedittu XVI

### Dwar Edukazzjoni sħiħa

We know well that for an authentic educational endeavour, communicating a correct theory or doctrine does not suffice. Something far greater and more human is needed: the daily experienced closeness that is proper to love, whose most propitious place is above all the family community, but also in a parish, movement or ecclesial association, in which there are people who care for their brothers and sisters because they love them in Christ, particularly children and young people, but also adults, the elderly, the sick and families themselves. The great Patron of educators, St John Bosco, reminded his spiritual sons that

"education is something of the heart and that God alone is its master" (*Epistolario*, 4, 209). *(Address to participants in the Ecclesial Diocesan Convention of Rome, 2005)*

**Fuq l-Għalliema**

It needs first of all that closeness and trust which are born from love: I am thinking of the first and fundamental experience of love which children have, or at least should have, from their parents. Yet every true teacher knows that if he is to educate he must give a part of himself, and that it is only in this way that he can help his pupils overcome selfishness and become in their turn capable of authentic love. *(Letter on the Urgent task of Education, 2008)*

Teachers, as witnesses, account for the hope that nourishes their own lives (cf. *1 Pt* 3:15) by living the truth they propose to their pupils, always in reference to the one they have encountered and whose dependable goodness they have sampled with joy. And so with Saint Augustine they say: "We who speak and you who listen acknowledge ourselves as fellow disciples of a single teacher" (*Sermons*, 23:2). *(Address to the Bishops of Ontario, 2006)*

**Dwar ir-relazzjoni ta' bejn l-għalliem u l-istudent**

The educational relationship is delicate by nature: in fact, it calls into question the freedom of the other who, however gently, is always led to make a decision. Neither parents nor priests nor catechists, nor any other educators can substitute for the freedom of the child, adolescent or young person whom they are addressing. The proposal of Christianity in particular challenges the very essence of freedom and calls it to faith and conversion. *(Address to participants in the Ecclesial Diocesan Convention of Rome, 2005)*

**L-edukazzjoni u l-isfida tar-relativiżmu**

With such a relativistic horizon, therefore, real education is not possible without the light of the truth; sooner or later, every person is in fact condemned to doubting in the goodness of his or her own life and the relationships of which it consists, the validity of his or her commitment to build with others something in common. *(Address to participants in the Ecclesial Diocesan Convention of Rome, 2005).*

With regard to the educational forum, the *diakonia* of truth takes on a heightened significance in societies where secularist ideology drives a wedge between truth and faith. This division has led to a tendency to equate truth with knowledge and to adopt a positivistic mentality which, in rejecting metaphysics, denies the foundations of faith and rejects the need for a moral vision. Truth means more than knowledge: knowing the truth leads us to discover the good. Truth speaks to the individual in his or her entirety, inviting us to respond with our whole being. This optimistic vision is found in our Christian faith because such faith has been granted the vision of the *Logos*, God's creative Reason, which in the Incarnation, is revealed as Goodness itself. Far from being just a communication of factual data – "informative" – the loving truth of the Gospel is creative and life-changing – "performative" (cf. *Spe Salvi*, n.2). With confidence, Christian educators can liberate the young from the limits of positivism and awaken receptivity to the truth, to God and his goodness. In this way you will also help to form their conscience which, enriched by faith, opens a sure path to inner peace and to respect for others. *(Meeting with Catholic Educators, Catholic University of America, Washington D.C., 2008)*

## Dokumenti Prinċipali b'riflessjonijiet dwar l-edukazzjoni

*Apostolic Visit to the Czech Republic, Meeting with Members of the Academic Community, 27 September 2009*
http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/speeches/2009/september/documents/hf_ben-xvi_spe_20090927_mondo-accademico_en.html

*Meeting with Catholic Educators, Catholic university of America in Washington, D.C., 17 April 2008*
http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/speeches/2008/april/documents/hf_ben-xvi_spe_20080417_cath-univ-washington_en.html

*Presentation of the Letter on the Urgent task of Education, 23 February 2008*
http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/speeches/2008/february/documents/hf_ben-xvi_spe_20080223_diocesi-roma_en.html

*Letter to the faithful of Rome on the Urgent task of Education, 21 January 2008*
http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/letters/2008/documents/hf_ben-xvi_let_20080121_educazione_en.html

## Dokumenti li jagħmlu referenzi ċari għall-Edukazzjoni

*(Undelivered) Lecture by the Holy Father Benedict XVI at the University of Rome "La Sapienza", 16 January 2008*
http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/speeches/2008/january/documents/hf_ben-xvi_spe_20080117_la-sapienza_en.html

*Letter of His Holiness Benedict XVI on the occasion of the General Chapter of the Salesians of Don Bosco, 1 March 2008*
http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/letters/2008/documents/hf_ben-xvi_let_20080301_capitolo-salesiani_en.html

*Address of the Holy Father Benedict XVI to the Bishops of Ontario, Canada, on their* ad limina Apostolorum *Visit, 8 September 2006*
http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/speeches/2006/september/documents/hf_ben-xvi_spe_20060908_canada-ontario_en.html

*Address of His Holiness Benedict XVI to the Participants in the Fourth National Ecclesial Convention, 19 October 2006*
http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/speeches/2006/october/documents/hf_ben-xvi_spe_20061019_convegno-verona_en.html

*Address of his Holiness Pope Benedict XVI to participants in the Ecclesial Diocesan Convention of Rome, 6 June 2005*
http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/speeches/2005/june/documents/hf_ben- xvi_spe_20050606_convegno-famiglia_en.html

# Il-Papa liż-Żgħażagħ

**Messaġġ fl-okkażjoni tal-Għoxrin Jum Mondjali taż-Żgħażagħ, Cologne, Awwissu 2005**

Għeżież żgħażagħ, il-Maġi rnexxielhom jaslu Betlem għax obdew u mxew wara l-istilla li mexxiethom. Fil-fatt, "Meta raw l-istilla huma mtlew b'ferħ kbir" (Mt 2:10). Għeżież ħbieb żgħażagħ tiegħi, huwa importanti li titgħallem tosserva s-sinjali li Alla permezz tagħhom ikellimna, isejħilna u jmexxina. Meta aħna nsiru konxji li qed imexxina, qalbna jkollha wkoll esperjenza li timlieha b'ferħ profond u ta' veru, flimkien max-xewqa qawwija li niltaqgħu miegħu, flimkien mal-kuraġġ li nimxu warajh b'fedeltà.

**Omelija fil-quddiesa f'Marienfield, Cologne, 21 Awwissu 2005**

Għeżież żgħażagħ, kif jista' Ġesù fil-quddiesa jqassmilna Ġismu u Demmu? Billi jibdel il-ħobż f'Ġismu u l-inbid f'Demmu, u jantiċipa l-mewt tiegħu, jaċċettaha f'qalbu, u jittrasformaha f'ġest ta' imħabba. Dak li minn barra jidher biss bħala vjolenza brutali – il-Kruċifissjoni – issa jinbidel minn ġewwa għotja ta' mħabba totali. Din hija l-bidla profonda li seħħet fl-Aħħar Ċena u li bdiet sensiela ta' bidliet li jwasslu għat-trasformazzjoni tad-dinja fejn Alla jkun kollox f'kollox.

Għalhekk jekk il-Knisja tgħidilna li l-Ewkaristija hija parti essenzjali ta' jum il-Ħadd, din mhijiex xi kilba tagħha għall-poter. Nhar Ħadd il-Għid filgħodu, l-ewwel in-nisa mbagħad id-dixxipli kellhom il-grazzja li jaraw lill-Mulej. Minn dak il-mument 'il quddiem, kienu jafu li l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, kellu jkun il-jum tiegħu, il-jum ta' Kristu l-Mulej. Il-jum li fih beda l-ħolqien sar il-jum li fih il-ħolqien ġie mitmum. Il-ħolqien u l-fidwa huma marbuta flimkien. Għalhekk il-Ħadd huwa tant jum importanti.

La tibqgħux lura mill-Quddiesa tal-Ħadd, anzi għinu lil ħaddieħor jiskopriha wkoll. Dan għaliex l-Ewkaristija tagħtina l-ferħ li

tant għandna bżonn, u jeħtieġ ngħożżuha iktar fil-fond ta' qalbna, jeħtieġ inħobbuha iżjed.

Ejjew mela nieħdu l-impenn li dan nagħmluh. Huwa tassew "*worth it*"! Ejja niskopru s-sbuħija immensa tal-liturġija li għandha l-Knisja: mhuwiex aħna li qegħdin niċċelebraw għalina nfusna jew għal rasna, iżda huwa Alla l-ħaj li qed iħejji festa għalina.

Permezz tal-Ewkaristija taslu wkoll biex tiskopru s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, fejn Alla fil-ħniena tiegħu bla tarf jerġa' dejjem iħallina nibdew ħajjitna mill-ġdid.

Kull min skopra lil Kristu jrid bil-fors iwassal lill-oħrajn għandu. Ferħ kbir bħal dan ma tistax iżżommu ġo fik. Trid twasslu lill-oħrajn.

### Messaġġ fil-21 Jum Mondjali taż-Żgħażagħ, 09 April 2006

Għeżież ħbieb tiegħi, fittxu li timmeditaw spiss dwar il-kelma t'Alla u ħallu l-Ispirtu s-Santu jkun l-għalliem tagħkom. Imbagħad intom tiskopru li l-mod kif jaħsibha Alla huwa differenti mill-mod kif jaħseb il-bniedem. Meta tikkontemplaw lil Alla titgħallmu tqisu l-istorja ta' ħajjitkom bin-nuċċali tiegħu. Il-ħajja hija vjaġġ, mhux mingħajr ħafna ingann, diffikultajiet u tbatija. Iżda ftakru li l-preżenza tal-imħabba t'Alla ma tħallikom qatt waħidkom, għax huwa dawl li jkeċċi d-dlamijiet tal-biża' u jixgħelilkom mogħdijietkom anki fl-agħar żminijiet.

### Omelija waqt it-23 Jum Mondjali taż-Żgħażagħ, f'Randwick, Sydney, 20 Lulju 2008

Maħbubin żgħażagħ, issa ħalli nagħmlilkom jien mistoqsija. *Intom* x'ser tħallu lill-ġenerazzjoni ta' warajkom? Qegħdin tibnu ħajjitkom fuq bażi soda, fuq xi ħaġa li tibqa'? Qegħdin tħallu f'ħajjitkom spazju għall-Ispirtu f'dinja li tagħmel ħilitha biex tinsa lil Alla, jew anki twarrbu f'isem liberta' falza? Kif qegħdin tużaw id-doni li intom ġejtu mogħtija, il-"qawwa" li l-Ispirtu s-Santu anki issa lest li joħroġ fikom? X'wirt ser tħallu lil żgħażagħ oħrajn li jridu jiġu warajkom? X'differenza ser tagħmlu intom?

Għeżież ħbieb żgħażagħ, il-Mulej qed jitlobkom li tkunu profeti fiż-żminijiet ġodda tagħna, messaġġiera tal-imħabba tiegħu, li tiġbdu n-nies lejn il-Missier u tibnu futur ta' tama għall-umanità kollha.

Id-dinja għandha bżonn dan it-tiġdid! F'ħafna mis-soċjetajiet tagħna jeżisti propjru maġenb il-ġid materjali, deżert spiritwali li

qed jinxtered: sens ta' vojt minn ġewwa, tip ta' biża' li m'għandux isem, dispramenti fis-skiet.

Il-Knisja wkoll teħtieġ dan it-tiġdid! Għandha bżonn il-fidi tagħkom, l-idejaliżmu tagħkom u l-ġenerożità tagħkom, sabiex anki hi tkun dejjem żagħżugħa fl-Ispirtu (*Lumen Gentium*, n.4). Il-Knisja teħtieġ b'mod speċjali d-doni taż-żgħażagħ, taż-żgħażagħ kollha. Għandha bżonn tikber fl-Ispirtu li anki llum jagħtikom il-ferħ f'żogħżitkom u jispirakom biex taqdu lill-Mulej bil-qalb. Iftħu qalbkom għal dik il-qawwa! Nagħmel dan l-appell b'mod speċjali lil dawk fostkom li l-Mulej qed isejjħilkom għas-saċerdozju u għall-ħajja konsagrata. La tibżgħux tgħidu "iva" lil Ġesu, li ssibu l-ferħ tagħkom filli tagħmlu r-rieda tiegħu, billi tagħtu ħajjitkom kompletament għall-qdusija, u li tużaw it-talenti kollha tagħkom għall-qadi ta' ħutkom!

### Messaġġ għall-24 Jum Mondjali taż-Żgħażagħ, 22 Frar 2009

Iż-żgħożija huwa żmien ta' tama għaliex tħares 'il quddiem b'ħafna ħolm. Meta nkunu żgħażagħ ikollna f'qalbna ħafna idejali u pjanijiet. Iż-żgħożija hija wkoll żmien meta nieħdu deċiżjonijiet kbar li jaffettwaw lil ħajjitna. Forsi għalhekk ħafna żgħażagħ matul dan iż-żmien ta' ħajjithom ikollhom ħafna mistoqsijiet kbar: x'qed nagħmel hawn jien f'din id-dinja? Xi skop għandha l-ħajja? Kif nista' nikseb il-ferħ? Għaliex tant tbatija, mard u l-mewt? X'hemm wara l-mewt?

Dawn id-domandi qishom muntanji għolja wisq quddiem l-ostakli li jkollna ma' wiċċna: diffikultajiet bl-istudji, il-qgħad, argumenti fil-famija, kriżijiet fir-relazzjonijiet tagħna, mard jew diżabilità, faqar ta' riżorsi ekonomiċi. U allura ż-żgħażagħ jistaqsu: kif nista' nżomm il-fjamma tal-imħabba taqbad ġewwa qalbi? (Kif ktibt fi *Spe Salvi,*) ix-xjenza, l-ekonomija, it-teknoloġija ma jistgħux jagħtuna t-tama, għax din it-tama li tant neħtieġu ġejja mingħand Alla biss.

Għal xi wħud – sfortunatament dan mhux numru żgħir – is-soluzzjoni hija ħarba u aljenazzjoni b'imġieba perikuluża u vjolenti, frott ta' dipendenza fuq ix-xorb u l-alkoħol, li huma nassa għal ħafna li ma jintebħux. Iżda madanakollu, anki dawk li jsibu ruħhom f'dawn is-sitwazzjonijiet minħabba li l-eżempji ħżiena li jkunu rċevew, dik ix-xewqa għall-ferħ u l-imħabba vera ma tintefiex. Kif nistgħu inkellmu lil dawn iż-żgħażagħ dwar it-tama? Irridu nsibu evanġelizzazzjoni ġdida li tkellem lil dawn iż-żgħażagħ dwar l-imħabba t'Alla.

# Iż-Żwieġ u l-Familja fit-Tagħlim ta' Benedittu XVI

***Il-familja naturali, pedament tal-paċi dinjija.*** (Messaġġ għall-Jum il-Paċi, 01 Jannar 2008)

- Il-familja naturali, imwaqqfa fuq żwieġ bejn raġel u mara, hija l-benniena tal-ħajja u tal-imħabba u l-ewwel u l-aqwa għalliema tal-paċi.
- F'familja soda nsibu l-elementi fundamentali tal-paċi…. ġustizzja u mħabba bejn l-aħwa; ir-rwol ta' awtorità min-naħa tal-ġenituri; interess mimli mħabba lejn il-membri tal-istess familja li huma x'aktarx dgħajfa minħabba ż-żgħorija, il-mard, jew ix-xjuħija; imħabba reċiproka li ġġegħlna ngħinu lil xulxin u li naħfru lil xulxin.
- Dan kollu jgħin biex il-familja tkun l-ewwel u l-aqwa għalliema tal-paċi. Minħabba f'hekk, vjolenza fi ħdan familja, hija mistmerra bil-bosta, aktar u aktar meta l-familja hi meqjusa bħala ċellula fundamentali tas-soċjetà.
- Fejn jistgħu ż-żgħar jibdew jitgħallmu igawdu bil-mod mit-'togħma' ġenwina tal-paċi jekk mhux minn ġol-"bejta" naturali li n-natura ħejjiet għalihom? L-ilsien tal-familja hu l-ilsien tal-paċi; minnu rridu nistgħanew inkella nitilfu t-tifsira tal-paċi.
- Minkejja it-taħdit  żejjed li jingħad, is-soċjetà qatt ma tista' tieqaf milli tirriferi għall-'grammatika' li t-tfal kollha jitgħallmu mill-bixriet u l-azzjonijiet ta' ommijiethom u ta' missirijiethom anki qabel ma dawn jitgħallmu jitkellmu.
- Il-familja tinħtieġ li jkollha dar, xogħol, u għarfien ġust ta' dak li jwettqu l-ġenituri f'darhom, il-possibbiltà ta' skola għat-tfal, u kura tas-saħħa bażika għal kull membru. Meta s-soċjetà tonqos milli tonora dan, tkun qed iċċaħħad lilha nfisha minn għajn tant importanti għall-paċi.
- Il-*media* tal-komunikazzjonijiet soċjali,  b'mod speċjali minħabba il-potenzjal edukattiv tagħha, għandha r-responsabiltà li tqanqal rispett lejn

il-familja billi tkun ċara dwar l-aspettativi u d-drittijiet tagħha, u turi s-sbuħija tagħha.

- "Ma rridux ninsew li l-familja hi li hi minħabba l-'*iva*' ċara u responsabbli ta' raġel u mara, u li din tkompli tgħix mill-'*iva*' rikonoxxenti tat-tfal li bil-mod il-mod jibdew isiru parti minnha. Il-komunità tal-familja, biex timxi 'l quddiem, trid il-kunsens qawwi tal-membri kollha tagħha."

## Siltiet oħra

Waqt li l-avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira, x'uħud minnhom jistgħu jtellfu l-identità tal-persuna umana u tal-familja. Inħeġġeġ lill-komunità internazzjonali timxi b'ġustizzja meta tiġi biex tħares id-drittijiet tal-bniedem. *(Diskors lill-Ġnus Magħquda, New York, 18 April 2008)*

Ħeġġiġt lill-Isqfijiet biex jitkellmu dwar l-argumenti morali u soċjali li għaddejjin minnhom preżentament biex jwettqu lil-lajċi ħalli dawn ikunu l-*ħmira* qalb il-komunità, imma qabel kollox fi ħdan il-familja. Ħeġġiġthom biex jergħu jipproponu is-*Sagrament taż-Żwieġ* bħala rigal u impenn li ma jistax jinħall bejn raġel u mara, bil-għan prinċipali li jilqgħu u jrabbu t-tfal. Il-Knisja u l-familja, flimkien mal-iskola, speċjalment skejjel b'ispirazzjonijiet Kristjani, għandhom jaħdmu flimkien biex joffru liż-żgħar edukazzjoni morali tajba, imma f'din il-ħidma dawk li jaħdmu fil-komunikazzjonijiet u fid-divertiment għandhom ukoll responsabiltà kbira". *(Udjenza Ġenerali, wara r-ritorn mill-Istati Uniti, 30 April 2008)*

### ***Mill-Enċiklika Deus Caritas Est* (25 Diċembru 2005):**

L-ewwelnett niftakru fil-firxa l-aktar wiesgħa fit-tifsira tal-kelma "mħabba": nitkellmu fuq l-imħabba ta' pajjiżna, kif ukoll fuq l-imħabba għall-professjoni tagħna, l-imħabba bejn il-ħbieb, l-imħabba għax-xogħol, l-imħabba bejn ġenituri u wlied, bejn

l-aħwa u l-familjari, l-imħabba lejn għajrna u l-imħabba lejn Alla. B'dankollu fost dawn it-tifsiriet kollha, tispikka tassew b'mod partikulari l-imħabba bejn raġel u mara, fejn ġisem u ruħ jingħaqdu biex ma jinfirdu qatt u fejn il-bnedmin ikollhom ħjiel ta' wegħda ta' hena li ma tistax tegħlibha. Din tista' tidher bħala l-milja tal-imħabba u kull forma oħra ta' mħabba tidbiel quddiemha. (n.2)

F'orjentament mibni fil-ħolqien, l-imħabba *eros* tmexxi l-bniedem lejn iż-żwieġ, jiġifieri lejn ċerta rabta li hi mmarkata b'mod waħdieni u definit. Hekk, u hekk biss, iseħħ l-għan intimu tal-bniedem. Iż-żwieġ bejn raġel wieħed u mara waħda jaqbel max-xbieha ta' Alla wieħed. Iż-żwieġ imsejjes fuq l-imħabba esklussiva u definita jsir ix-xbieha (*ikona*) tar-relazzjoni ta' Alla mal-poplu tiegħu u tal-poplu ma' Alla; il-mod kif Alla jħobb isir il-kejl tal-imħabba umana. Din ir-rabta intima bejn l-imħabba – *eros* u ż-żwieġ fil-Kotba Mqaddsa, wieħed, kważi jista' jgħid, li ma jsibx bħalha f'ebda ktieb ieħor. (n.11)

**Jum il-Paċi, 2008**

…Kull ħaġa li sservi biex iddgħajjef lill-familja mibnija fuq iż-żwieġ bejn raġel u mara, kull ħaġa li direttament jew indirettament tfixkel biex din b'responsabiltà tkun lesta li taċċetta ħajja ġdida, kull ħaġa li xxekkel id-dritt tagħha li primarjament hi responsabbli għall-edukazzjoni tat-tfal tagħha, din toħloq ostaklu oġġettiv fit-triq lejn il-paċi.

**Mill-Jum Dinji għall-Familji fi Spanja, 08 Lulju 2006**

Il-Familja hi istituzzjoni unika fil-pjan t'Alla, u l-Knisja ma tistax tieqaf milli xxandarha u tippromwovi l-importanza fundamentali tagħha.

Skont l-Evanġelji ta' San Mattew u San Luqa, ejjew inħarsu lejn Ġesù, Marija, u Ġużeppi, u naduraw il-misteru ta' Alla li għażel li jitwieled minn mara, il-Verġni Mqaddsa, u ġie fid-dinja bħal kull bniedem ieħor. B'dan il-mod Hu qaddes ir-realtà tal-familja, imlieha bi grazzja divina, biex żvela il-vokazzjoni u l-missjoni tagħha.

Il-Familja Mqaddsa ta' Nażaret hija il-veru mudell ta' kull familja Nisranija li, magħquda fis-Sagrament taż-Żwieġ u msoqqija bil-Kelma u bl-Ewkaristija, hija msejħa biex taqdi il-vokazzjoni u l-missjoni meraviljużi tagħha bħala ċellula ħajja mhux biss fis-soċjetà, imma wkoll fil-Knisja, sinjal u strument ta' għaqda għall-umanità kollha.

# Is-Sens tat-Tbatija fit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI

"Nistgħu nippruvaw innaqqsu t-tbatija, niġġieldu kontriha, imma ma nistgħu qatt inwarrbuha għal kollox." *(Enċiklika* Spe Salvi, *n.37)*

Il-fejqan iseħħ "bil-ħila tagħna li naċċettaw it-tbatija, nimmaturaw permezz tagħha, u nfittxu sens fiha permezz tal-għaqda tagħna ma' Kristu Ġesù, li bata b'imħabba bla qjies għalina". *(Idem)*

"Soċjetà li ma għandhiex il-ħila taċċetta lill-membri tagħha li qegħdin ibatu u li ma tistax taqsam fl-uġiegħ tagħhom u ġġorru minn ġewwa magħhom b'sens ta' 'kompassjoni' hija soċjetà krudila u inumana". *(*Spe Salvi, *n.38)*

Il-Fidi nisranija wrietna dejjem li "Alla – Verità u Mħabba nfushom – ried li jbati għalina u magħna ... Hu nnifsu sar bniedem biex ikun jista' jbati tassew mal-bnedmin, billi jbati fil-ġisem magħhom, bħalma jixhdu r-rakkonti tal-Passjoni ta' Ġesù". *(*Spe Salvi, *n.39)*

"Fit-tbatija umana kollha li ngħaddu minnha jingħaqad magħna Wieħed li jgħaddi mit-tbatija huwa stess u jġorr dik it-tbatija magħna. F'kull tbatija hemm ukoll il-konsolazzjoni tal-imħabba ta' Alla li jħoss mal-bniedem". *(Idem)*

"L-għajta (karba) tagħna lil Alla fit-tbatija, bħalma kienet għal Ġesù nnifsu fuq is-salib, hija l-mod l-aktar profond u qawwi li bih nistqarru l-fidi tagħna fil-qawwa sovrana ta' Alla". *(Enċiklika* Deus Caritas Est, *n.31)*

Meta l-insara "jiġu maħkuma bħal kull bniedem ieħor fid-dubji drammatiċi tal-ġrajjiet storiċi, jistgħu jibqgħu żguri bla ma jitħarrku li Alla hu Missier tagħhom u jħobbhom, ukoll meta is-skiet tiegħu ma jifhmuhx". *(Idem)*

"Ġesù bata u miet fuq is-salib bi mħabba kbira għalina. B'hekk, jekk nifhmu dan il-misteru sewwa, huwa ta sens lit-tbatija tagħna, sens li rġiel u nisa ta' kull żmien fehmuh u għamluh tagħhom, u b'hekk ġarrbu paċi kbira ukoll fid-djieqa ta' provi ħarxa kemm fiżiċi u kemm morali". *(Diskors ta' qabel l-Angelus, 01 Frar 2009)*

"Il-vera tweġiba għad-dramm uman tat-tbatija mhijiex li toffri l-mewt, 'ħelwa' kemm tridha, imma li tixhed għall-imħabba li tgħinna niffaċċjaw l-uġiegħ u l-agunija b'mod uman". *(Idem)*

"Nistgħu nibqgħu żguri minn dan: l-ebda demgħa, la ta' dawk li jbatu u lanqas ta' dawk qrib tagħhom, ma hi mitlufa għal Alla". *(Idem)*

Marija turina li "id-dawl, it-talb, it-tama u l-konverżjoni, huma msejsa fuq il-blata tal-imħabba ta' Alla, li laħqet il-qofol tar-rivelazzjoni tagħha fis-salib glorjuż ta' Kristu." Is-skiet quddiem it-tbatija "mhuwiex skiet vojt, imma wieħed mimli bit-talba u l-għarfien tal-preżenza tal-Mulej, li ħabbna sal-punt li jiġi merfugħ fuq is-salib għalina". *(Udjenza Ġenerali, 17 Settembru 2008)*

"M'intomx waħidkom fit-tbatija tagħkom, għax Kristu nnifsu huwa qrib ħafna ta' dawk li jbatu … Quddiem tant uġiegħ, inħossuna bla ħila u aktarx ma nsibux il-kliem li jixirqu. Quddiem ħuna jew oħtna fil-misteru tat-tbatija, is-skiet rispettuż u ta' kompassjoni, il-preżenza fit-talb, ġest li jħenn u jsabbar, ħarsa mimlija tjieba, tbissima, ħafna drabi huma aktar milqugħa minn kull kliem ieħor". *(Diskors fiċ-*Ċentru Kardinal Paul-Emile Léger*, f'Yaoundé, Kamerun, 19 Marzu 2009)*

"Is-salvazzjoni u t-tbatija għandhom ħafna x'jaqsmu ma' xulxin. Il-ħsieb tal-Knisja Kattolika dwar dan huwa msejjes fuq għarfien f'postu tat-tajjeb u l-ħażin. It-tajjeb ġej mill-pjan perfett ta' Alla. Il-ħażin, min-naħa l-oħra, huwa riżultat tal-ħsibijiet u l-pjanijiet egoistiċi u suppervi tal-ħlejjaq. Is-salvazzjoni, għalhekk, hija l-azzjoni ta' Alla li twarrab il-qawwa tal-ħażin billi tirbaħha darba għal dejjem. Dan seħħ meta Ġesù laqa' l-mewt fuq is-salib b'rieda ħielsa, u fil-qawmien tiegħu mill-qabar. Bil-mewt tiegħu il-Bniedem-Alla jeqred il-mewt; bil-qawmien iġedded il-ħajja, u jagħti tama ta' ħajja għal dejjem lill-bnedmin kollha". *(Diskors ta' qabel l-Angelus, 01 Frar 2009)*

"Fil-misteru tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu, it-tbatija tal-bniedem issib is-sens tagħha u l-milja tad-dawl. Fl-Aħħar Ċena, qabel ma reġa' lura għand il-Missier, il-Mulej Ġesù tbaxxa biex jaħsel saqajn l-Appostli biex idewwaqhom minn qabel mill-att kbir ta' mħabba li kellu jagħmel fuq is-salib. B'dan il-ġest, hu stieden lid-dixxipli biex jimxu wara dan il-mod ta' ħsieb ta' mħabba li tagħti lilha nnifisha għal dawk l-aktar dgħajfa u fil-bżonn". *(Messaġġ għal Jum il-Morda, 11 Frar 2010)*

# L-Immigrazzjoni u r-Rifuġjati fit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI

## In-Nuqqas ta' Ġustizzja u l-Immigrazzjoni

Huma ħafna dawk li bi tbatija kbira u b'riskju għal ħajjithom iħallu pajjiżhom biex ifittxu kenn u ħajja aħjar. L-immigrazzjoni, jgħid il-Papa, tpoġġina wiċċ imb'wiċċ ma' sitwazzjoni li ebda pajjiż fid-dinja ma jista' jindirizza waħdu, iżda fejn is-solidarjetà tal-komunità internazzjonali trid tkun akkumpanjata minn solidarjetà ġenwina lejn kull persuna. Kull immigrant, ikompli jisħaq il-Papa, "huwa persuna li għandu drittijiet fundamentali li jridu jiġu rrispettati minn kulħadd, f'kull ċirkostanza". Dawn id-drittijiet jinbtu mid-dinjità ta' kull persuna, li hija xbieha t'Alla u li għalhekk jistħoqqilha rispett. *(Ara Enċiklika* Caritas in Veritate, *29 Ġunju 2009, nn.21;41;62)*

## Irridu nistaqsu għaliex ħallew pajjiżhom mhux biss għaliex waslu

"Nixtieq niġbed l-attenzjoni fuq it-tendenza li nieqfu fuq il-mistoqsija tal-wasla tagħhom (tal-immigranti) filwaqt li ma nagħtux kas tar-raġunijiet għaliex huma ħallew art twelidhom". *(Messaġġ għat-92 Ġurnata Mondjali tal-Immigranti u Refuġjati, 18 Ottubru 2005)*

## Il-Kundizzjonijiet tal-familji tar-rifuġjati

"...Inħossni fid-dmir li niġbed l-attenzjoni tagħkom għall-familji tar-refuġjati, li l-kundizzjonijiet tagħhom jidher li marru għal agħar meta nqabbluhom mal-passat, anke b'mod speċjali rigward l-għaqda mill-ġdid tan-nukleu tal-familja". *(Messaġġ għat-93 Ġurnata Mondjali tal-Immigranti u Refuġjati, 18 Ottubru 2006)*

## L-immigranti minuri huma iktar vulnerabbli u f'iktar periklu li jkunu sfruttati

"... Dawn is-subien u l-bniet (immigranti minuri fl-ażil) ħafna drabi jispiċċaw fit-triq mitluqa għalihom nfushom u priża għall-abbużi mingħajr rażan li ħafna drabi jbiddluhom f'oġġetti ta' vjolenza fiżika, morali u sesswali". *(Messaġġ għall-94 Ġurnata Mondjali tal-Immigranti u Refuġjati, 18 Ottubru 2007)*

## Il-Papa jirreferi għal testi mill-iskrittura meta jitkellem dwar l-Immigrazzjoni u r-Rifuġjati

"Tassew ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti għamiltuh miegħi." (Mt 25:40,45). Kif nistgħu ma nagħtux kas tal-immigrant u tar-refuġjat minuri bħala dawk li huma fost "l-iżgħar"? Bħala tfajjel Ġesù stess għamel esperjenza ta' refuġjat, skont il-Vanġelu, biex jeħles mit-theddid ta' Erodi, hu kellu jaħrab lejn l-Eġittu ma' Ġużeppi u Marija (Mt 2:14). *(Messaġġ għall-94 Ġurnata Mondjali tal-Immigranti u Refuġjati, 18 Ottubru 2007)*

Il-Knisja tħares lejn din id-dinja kollha tat-tbatija u vjolenza mill-għajnejn ta' Ġesù, li kien mqanqal mill-ħniena meta ħares lejn il-folla li kienu qishom nagħaġ bla ragħaj (ara Mt 9:34).

## Il-Knisja taħdem għad-drittijiet tal-immigranti, refuġjati u l-familji tagħhom

"Il-Knisja tinkoraġġixxi r-reviżjoni tal-istrumenti legali internazzjonali li jwasslu biex jiddefendu d-drittijiet tal-immigranti, refuġjati u l-familji tagħhom…

… (Il-Knisja) fetħet ċentri fejn l-immigranti jiġu mismugħa, djar fejn huma jiġu milqugħa, uffiċċji għas-servizz offruti lil persuni u familji, flimkien ma' inizjattivi

li ġew imwaqqfa biex jgħinu fil-bżonnijiet li dejjem jikbru". *(Messaġġ għat-93 Ġurnata Mondjali tal-Immigranti u Refuġjati, 18 Ottubru 2006)*

## Id-Dmir tagħna bħalha nsara lejn l-immigranti:

"...L-ospitalità u s-solidarjetà lill-barranin, speċjalment jekk ikunu tfal, hija tħabbira tal-Vangelu ta' solidarjetà". *(Messaġġ għas-96 Ġurnata Mondjali tal-Immigranti u Refuġjati, 16 Ottubru 2009)*

".......Jien nistieden l-komunitajiet ekkleżjali tal-lokal biex jagħtu merħba u juru simpatija lejn (l-immigranti) żgħażagħ u tfal mal-ġenituri tagħhom, u jippruvaw jifhmu l-ħajja ħarxa tagħhom u jkunu favur l-inklużjoni tagħhom". *(Messaġġ għall-94 Ġurnata Mondjali tal-Immigranti u Refuġjati, 18 Ottubru 2007)*

## Ir-Rifuġjati iridu jikkultivaw attitudni pożittiva lejn is-soċjetà li tirċevihom

"Ir-refuġjati huma mitluba li jrawmu fihom attitudnijiet pożittivi u miftuħa għas-soċjetà li qeda tirċevihom u b'rieda attiva jaċċettaw l-istediniet biex jipparteċipaw fil-bini flimkien ta' komunità integrata li tkun 'familja komuni' għal kulħadd". *(Messaġġ għat-93 Ġurnata Mondjali tal- Immigranti u Refuġjati, 18 Ottubru 2006)*

# L-Ambjent fit-Tagħlim tal-Papa Benedittu XVI

## X'inhi l-kawża tal-kunflitti dinjin?

*Mill-Ittra għal Jum il-Paċi:* Il-Persuna Umana, fil-Qalba tal-Paċi, *01 Jannar 2007, n.9*

"Il-qerda tal-ambjent, l-użu impropju u egoist tiegħu, u l-ħażna selvaġġa tar-riżorsi tad-dinja jikkawżaw inġustizzji, kunflitti u gwerer, għax huma l-frott ta' viżjoni inumana ta' żvilupp. Fil-fatt, jekk żvilupp ikun limitat biss għall-aspett teknoloġiku-ekonomiku, u ma jikkunsidrax id-dimensjoni morali-reliġjuża, ma jistax ikun parti integrali mill-iżvilupp tal-bniedem, anzi jkun distorsjoni tar-realtà li twassal lill-bniedem biex jirrikorri għall-kapaċità distruttiva tiegħu."

## Sfida għaż-żgħażagħ ...

*Mill-omelija waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, waqt iż-żjara pastorali f'Loreto għall-okkażjoni tal-*Agorà *taż-żgħażagħ Taljani (02 Settembru 2007)*

"M'hemmx dubju li wieħed mill-oqsma li jeħtieġ tittieħed azzjoni urġenti fuqu hu l-ħarsien tal-ħolqien. Il-futur tal-pjaneta hu afdat f'idejn il-ġenerazzjonijiet ġodda, li fihom hemm sinjali ċari ta' żvilupp li mhux dejjem kien kapaċi jħares il-bilanċi delikati tan-natura. Qabel ikun tard wisq, hemm bżonn deċiżjonijiet kuraġġużi li jwasslu għall-ħolqien mill-ġdid ta' alleanza b'saħħitha bejn l-umanità u d-dinja. Hemm bżonn ta' 'iva' deċiżiva sabiex jitħares il-ħolqien kif ukoll għall-impenn qawwi sabiex jitreġġgħu lura tendenzi li jistgħu jwasslu għal degrad irreversibbli."

***"Wara ħafna, sid dawk il-qaddejja reġa' lura u beda jagħmel il-kontijiet magħhom."* (Mt 25:19)**

*Mill-ittra għal Jum il-Paċi:* Il-Familja Umana, Komunità ta' Paċi, *01 Jannar 2008, n.7*

"Il-familja teħtieġ dar, ambjent san li fih tiżviluppa relazzjonijiet xierqa. Għall-familja umana, din id-dar hi d-dinja, l-ambjent li Alla l-Ħallieq tana biex ngħixu fih bi kreattività u responsabiltà. Jenħtieġ li nieħdu ħsieb l-ambjent: li kien afdat f'idejna biex inħarsuh u nikkoltivawh b'responsabiltà ħielsa għall-ġid komuni bħala prinċipju bażiku u kostanti."

**X'inhu l-progress?**

*Mill-Enċiklika* Spe Salvi *(30 Novembru 2007, n.22)*

"Jekk il-progress teknoloġiku ma jimxix id f'id mal-progress fil-formazzjoni etika tal-bniedem, fl-iżvilupp intern tal-bniedem (ara Ef 3:16; 2 Kor 4:16), allura ma jistax jissejjaħ progress, imma theddida għall-bniedem u għad-dinja."

**Ir-relazzjoni bejn l-ambjent u l-bniedem**

*Mill-Enċiklika* Caritas in Veritate *(29 Ġunju 2009, n.48)*

"Fin-natura, il-bniedem li jemmen jagħraf ir-riżultat tal-għaġeb tal-att ħallieq ta' Alla, li aħna nistgħu nużawh b'mod responsabbli biex nissodisfaw il-ħtiġijiet leġittimi tagħna, sew materjali sew oħrajn, filwaqt li nirrispettaw il-bilanċ intrinsiku tal-ħolqien. Jekk dil-viżjoni tintilef, nispiċċaw jew inqisu n-natura bħala tabù li ma jintmessx, jew bil-maqlub, ninqdew biha ħażin. Ebda attitudni minn dawn ma taqbel mal-viżjoni Nisranija tan-natura bħala l-frott tal-ħolqien ta' Alla." "In-natura tkellimna fuq il-Ħallieq (ara Rum 1:20) u fuq imħabbtu għall-bniedem. Hija ddestinata biex tinġabar fi Kristu fi tmiem iż-żmien (ara Ef 1:9-10; Kol 1:19-20). Għalhekk hi wkoll 'vokazzjoni'".

***Ir-rwol tal-Knisja quddiem kwistjonijiet ambjentali ...***
*Mill-Enċiklika* Caritas in Veritate *(29 Ġunju 2009, n.51)*

"Il-Knisja għandha responsabiltà għall-ħolqien u għandha ssostni din ir-responsabiltà fl-isfera pubblika. Hi u tagħmel hekk, għandha tiddefendi mhux biss l-art, l-ilma u l-arja bħala doni tal-ħolqien li huma ta' kulħadd. Għandha fuq kollox tħares lill-bniedem mill-qerda tiegħu nnifsu."

***X'għandi nagħmel?***
*Mill-Enċiklika* Caritas in Veritate *(29 Ġunju 2009, n.51)*

"Il-mod li bih il-bniedem jittratta l-ambjent jinfluwenza l-mod kif hu jittratta lilu nnifsu, u bil-maqlub. Dan jistieden lis-soċjetà kontemporanja tagħmel reviżjoni serja tal-istil ta' ħajjitha ... Hemm ħtieġa ta' bidla effettiva fil-mentalità li tista' twassal għall-adozzjoni ta' stili ġodda ta' ħajja li fihom it-tiftix tal-verità, tal-ġmiel, tat-tjieba u tal-għaqda mal-oħrajn b'risq l-iżvilupp komuni huma fatturi li jiddeterminaw l-għażliet fil-konsum, it-tfaddil u l-investimenti'."

*Mill-ittra għall-Jum il-Paċi:* "Jekk trid tkabbar il-Paċi, ipproteġi l-ħolqien" *(01 Jannar 2010, n.5)*

"L-umanità teħtieġ tiġdid kulturali profond; teħtieġ li terġa' tiskopri dawk il-valuri li jistgħu jservu ta' pedament sod sabiex jinbena futur aħjar għal kulħadd. Il-kriżijiet preżenti – sew jekk ekonomiċi, b'rabta mal-ikel, ambjentali jew soċjali – huma fl-aħħar mill-aħħar kriżijiet morali, u lkoll relatati ma' xulxin. Jitolbu minna li nerġgħu nikkonsidraw it-triq li qed nivvjaġġaw flimkien."

# Punti mill-Enċiklići tal-Papa Benedittu XVI

*Mill-Enċiklika* Deus Caritas Est
*(25 Diċembru 2005):*

**Il-laqgħa mal-Mulej li hu Mħabba:**

"Bħala bidu għall-eżistenza nisranija m'hemmx xi deċiżjoni etika jew xi idea għolja, iżda hemm laqgħa ma' ġrajja, ma' Persuna, li tagħti lill-ħajja orizzont ġdid u direzzjoni deċiżiva. Fl-Evanġelju tiegħu Ġwanni fisser dan l-avveniment b'dawn il-kelmiet: 'Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem' (3:16). Bit-tqegħid tal-imħabba fiċ-ċentru, il-fidi nisranija ġabret dak li kien il-qofol tal-fidi ta' Israel u fl-istess ħin hija tat lil dan il-qofol dehra aktar profonda u wiesgħa... Billi Alla kien li ħabbna l-ewwel (ara 1 Ġw 4:10), issa l-imħabba mhix aktar 'kmandament' biss, iżda hija t-tweġiba għar-rigal tal-imħabba, li bih Alla joqrob lejna" (n.1).

**L-Imħabba t'Alla:**

"Dan l-għemil ta' Alla jieħu s-sura drammatika tiegħu billi, f'Ġesù Kristu, Alla nnifsu jsus wara "n-nagħġa l-mitlufa", jiġifieri wara l-umanità mweġġgħa kif ukoll mitlufa. Meta Ġesù fil-parabboli tiegħu jitkellem dwar ir-ragħaj li jmur wara n-nagħġa l-mitlufa, dwar il-mara li tfittex id-drakma, dwar il-missier li joħroġ jilqa' lil ibnu l-ħali u jgħannqu, dawn mhux biss huma kliem, iżda fihom it-tifsira tal-istess eżistenza tiegħu u tal-għemil tiegħu" (n.12).

**Ewkaristija u ħajja:**

"Fl-istess 'qima' (kult), fit-tqarbina Ewkaristika hemm il-fatt reali li aħna maħbubin u li għandna nħobbu wkoll lill-oħrajn. Ewkaristija li ma tgħaddix għal imħabba mwettqa fil-prattika hija mfarrka fiha nnifisha... Fil-liturġija tal-Knisja, fit-talb tagħha, fil-komunità ta' dawk li jemmnu, aħna nġarrbu l-imħabba ta' Alla, nilmħu l-preżenża tiegħu u hekk ukoll nitgħallmu

nagħrfuha fil-ħajja ta' kuljum. Kien hu l-ewwel li ħabbna u jibqa' l-ewwel li jħobbna; għalhekk aħna wkoll nistgħu nweġbuh bl-imħabba" (n.14;17).

**Il-karità – dmir tal-Knisja:**

"L-imħabba tal-proxxmu bl-għeruq tagħha fl-imħabba ta' Alla hi qabel kollox dmir għal kull min jemmen, iżda hija wkoll dmir f'kull livell tal-komunità kollha tal-Knisja: mill-komunità lokali għall-Knisja partikolari u sal-Knisja kollha universali. Bħala komunità, il-Knisja għandha twettaq l-imħabba. Minn dan jiġi li l-imħabba għandha wkoll ħtieġa ta' organizzazzjoni, biex tkun servizz ordinat għall-komunità" (n.20).

**L-Aspetti essenzjali tal-Knisja:**

"Il-qalba tan-natura tal-Knisja tidher fi tliet dmirijiet: ix-xandir tal-Kelma t'Alla (*kerygma – martyria*), iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti (*leitourgia*) u s-servizz tal-karità (*diakonia*). Huma dmirijiet li jinvolvu lil xulxin u ma jistgħux jinfirdu. Għall-Knisja, il-karità mhix għamla ta' ħidma soċjali li tista' titħalla f'idejn oħrajn, iżda hi min-natura stess tagħha, hi espressjoni indispensabbli tal-istess natura tagħha" (n.25).

**Dwar dawk impenjati fil-ħidmiet ta' karità tal-Knisja:**

"Barra t-tħejjija professjonali, dawn l-operaturi jeħtieġu qabel kollox 'il-formazzjoni tal-qalb': jeħtieġ li dawn jitmexxew għal dik il-laqgħa ma' Alla fi Kristu li tqajjem fihom l-imħabba u tiftaħ il-qalb tagħhom lejn l-oħrajn, biex hekk l-imħabba ma tkunx għalihom kmandament impost, biex ngħidu hekk, minn barra, iżda konsegwenza ħierġa mill-fidi li taħdem bl-imħabba (ara Gal 5:6)" (n.31).

**Min huma l-qaddisin?**

Dawn "jibqgħu mudelli magħrufa ħafna ta' karità soċjali lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Il-qaddisin huma dawk il-messaġġiera veri tad-dawl fil-qalba tal-istorja, għaliex huma rġiel u nisa ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba" (n.40).

*Mill-Enċiklika* Spe Salvi *(30 Novembru 2007):*

**X'jagħmel il-messaġġ nisrani**

"Il-Kristjaneżmu ma kienx biss 'aħbar tajba' – komunikazzjoni ta' kontenuti li sa dak il-waqt ma kenux magħrufa. Bil-lingwaġġ tagħna ngħidu: il-messaġġ nisrani mhuwiex biss 'informattiv', iżda 'performattiv'.

Dan ifisser: il-Vanġelu mhuwiex biss komunikazzjoni ta' ħwejjeġ li wieħed jista' jsir jafhom, iżda huwa komunikazzjoni li tipproduċi l-fatti u tbiddel il-ħajja. Il-bieb mudlam taż-żmien, tal-ġejjieni, infetaħ beraħ. Min għandu t-tama jgħix b'mod differenti: 'il dan ingħatatlu ħajja ġdida" (n.2).

**Il-laqgħa ma' Ġesù Kristu**

"Il-Kristjaneżmu ma ġabx messaġġ soċjo-rivoluzzjonarju ... Dak li Ġesù, li hu nnifsu miet fuq is-salib, ġab kien xi ħaġa differenti għal kollox: il-laqgħa ma' Sid is-sidien kollha, il-laqgħa ma' Alla l-ħaj u għalhekk il-laqgħa ma' tama li kienet aqwa mit-tbatijiet tal-jasar u li għaldaqstant kienet tbiddel minn ġewwa l-ħajja u d-dinja" (n.4).

"... Min ma jafx lil Alla, għad li jista' jkollu bosta tamiet, fil-fondnett hu bla tama, bla tama kbira li twieżen il-ħajja kollha (ara Ef 2:12). It-tama kbira u vera tal-bniedem, li jibqa' sħiħ minkejja d-delużjonijiet, tista' tkun biss Alla – Alla li ħabbna u għadu jħobbna 'sal-aħħar', 'sat-tmiem' (ara Ġw 13;1; 19:30). Minn jintmess mill-imħabba jibda jifhem x'inhi sewwasew il-'ħajja'. Jibda jifhem xi tfisser il-kelma tat-tama li ltqajna magħha fir-rit tal-Magħmudija: mill-fidi nistenna l-'ħajja ta' dejjem' – il-ħajja vera, li minn ġewwa u mingħajr theddid, fis-sħuħija kollha tagħha hija sempliċement ħajja... Il-ħajja fit-tifsira vera tagħha hi ħaġa li aħna ma jkollniex minna nfusna jew fina nfusna: hija relazzjoni. U l-ħajja fis-sħuħija kollha tagħha hija relazzjoni ma' dak li hu l-għajn tal-ħajja. Jekk għandna relazzjoni ma' dak li ma jmutx, li hu l-Ħajja nfisha u l-Imħabba nfisha, mela aħna għandna l-ħajja. Mela 'ngħixu'" (n.27).

**Tama fil-Mulej**

"Aħna neħtieġu t-tamiet - żgħar jew kbar – li, jum wara jum, iżommuna mexjin. Iżda mingħajr it-tama l-kbira, li għandha tegħleb il-bqija, dawn mhumiex biżżejjed. Din it-tama l-kbira tista' tkun biss f'Alla, li jħaddan l-univers u li jista' jipproponilna u jagħtina dak li waħedna ma nistgħux nilħquh. Sewwasew għax dan jingħatalna bħala rigal huwa parti mit-tama. Alla huwa s-sies tat-tama – mhux xi alla hu min hu, imma dak Alla li għandu wiċċ ta' bniedem u li ħabbna sal-aħħar: kull wieħed u l-umanità kollha f'daqqa" (n.31).

**Mezzi ta' tagħlim u taħriġ tat-tama**

L-enċiklika titkellem dwar:

1. it-talb bħala skola ta' tama (nn.32-34);
2. l-għemil u t-tbatija bħala mezzi li minnhom nitgħallmu t-tama (nn.35-40); u
3. il-Ġudizzju bħala mezz ta' tagħlim u ta' taħriġ tat-tama (nn.41-48). Xi siltiet…

"L-ewwel mezz essenzjali ta' tagħlim tat-tama huwa t-talb. Jekk ħadd ma għadu jismagħni, Alla jibqa' jismagħni. Jekk ma nista' nitkellem ma' ħadd, ma nista' nsejjaħ lil ħadd, lil Alla nista' nkellmu dejjem. Jekk ma baqa' ħadd li jista' jgħinni – fejn hemm ħtieġa jew stennija li tmur lil hinn mill-ħila tal-bniedem li jittama – hu jista' jgħinni. Jekk ninsab mitluq waħdi għal kollox …; iżda min jitlob mhu qatt waħdu għal kollox" (n.32).

"Titlob ma jfissirx toħroġ mill-istorja, tintefa' f'rokna u tiċċaħħad mill-hena tiegħek. It-talb tajjeb huwa proċess ta' tisfija ġewwiena li biha nistgħu nħaddnu lil Alla, u sewwasew għalhekk, inħaddnu lill-bnedmin. Fit-talb il-bniedem irid jitgħallem x'jista' tabilħaqq jitlob lil Alla – x'inhu dak li Alla jixraqlu. Għandu jitgħallem li ma jistax jitlob kontra l-ieħor. Għandu jitgħallem li ma jistax jitlob ħwejjeġ superfiċjali u komdi li jkun jixtieqhom f'dak il-waqt – hija t-tama ċkejkna żbaljata li tbiegħdu minn Alla. Għandu jsaffi xewqatu u tamietu" (n.33).

"Hu importanti li wieħed ikun jaf: jiena dejjem nista' nibqa' nittama, anki jekk minħabba ħajti jew minħabba l-waqt storiku li qiegħed ngħix ikun jidher li ma jkolli xejn aktar fiex nittama. Hi biss it-tama l-kbira li hi ċertezza li, minkejja l-fallimenti kollha, il-ħajja personali tiegħi u l-ġrajja tad-dinja huma mħarsin fil-qawwa tal-Imħabba li ma tistax tinqered" (n.35).

"Jeħtieġ nagħmlu kull ma nistgħu biex innaqqsu t-tbatija: inwaqqfu, kemm hu possibbli, it-tbatija tal-innoċenti; intaffu l-weġgħat; ngħinu biex jintrebħu t-tbatijiet psikiċi. Huma kollha dmirijiet kemm tal-ġustizzja kif ukoll tal-imħabba li jidħlu fid-dmirijiet fundamentali tal-eżistenza nisranija u ta' kull ħajja tabilħaqq umana" (n.36).

"Nistgħu nfittxu li nnaqqsu t-tbatija, li nissieltu kontrieha, iżda ma nistgħux inneħħuha għal kollox… Mhux l-iffrankar

tat-tbatija, il-ħarba quddiem l-uġigħ, li jfejjaq lill-bniedem, imma l-ħila li wieħed jilqa' t-tribulazzjoni u jimmatura fiha, li jsib sens permezz tal-għaqda ma' Kristu, li bata b'imħabba bla tmiem" (n.37).

"Dinja bla Alla hija dinja bla tama (ara Ef 2:12) … Ix-xbieha tal-Ġudizzju Universali hija qabel xejn xbieha tal-biża', imma hija xbieha ta' tama; għalina aktarx hi saħansitra x-xbieha deċiżiva tat-tama. Imma mhijiex forsi wkoll xbieha ta' twerwir? Jiena ngħid: hija xbieha li ssejjaħ għar-responsabiltà" (n.44).

*Mill-Enċiklika* Caritas in Veritate *(29 Ġunju 2009):*
"… L-imħabba jista' wieħed iħares lejha bħala tifsira awtentika ta' umanità u bħala element ta' importanza fundamentali fir-relazzjonijiet umani, anki ta' natura pubblika. Hu biss fil-verità li l-imħabba tiddi u tista' tingħex b'mod awtentiku. Il-verità hija dawl u tagħti tifsira u valur lill-imħabba" (n.3).

"Mingħajr verità, mingħajr fiduċja u mħabba lejn dak li hu veru, mhemmx kuxjenza u responsabiltà soċjali, u l-għemil soċjali jispiċċa f'idejn interessi privati u raġunamenti tal-poter, b'effetti li jħarbtu s-soċjetà, aktar u aktar f'soċjetà riesqa lejn il-globalizzazzjoni, f'waqtiet diffiċli bħalma huma dawk attwali" (n.5).

## Ħarsa ġenerali biex nifhmu x'qed jgħid Benedittu XVI fl-enċiklika *Caritas in Veritate*

**Caritas in Veritate hija t-tielet enċiklika tal-Papa Benedittu XVI. Kif għandna nilqgħuh dokument bħal dan?**
L-enċiklika *Caritas in Veritate* li l-Papa Benedittu XVI ffirma fid-29 ta' Ġunju 2009 kienet ilha mistennija u kienet ilha tinħema. Ingħad li meta kienet għoddha lesta u kienet fil-fażi tal-aħħar irtokki, faqqgħet il-kriżi ekonomika internazzjonali. Għaldaqstant, inħass li kien prudenti li l-pubblikazzjoni tiġi posposta sabiex issir riflessjoni attenta u attwali dwar l-ekonomija mondjali.

It-temi li l-Papa jiżviluppa tant tajjeb mhumiex indirizzati lill-Kattoliċi biss, jew għall-insara biss. Il-kontenut ta' *Caritas in Veritate* qiegħed hemm għar-riflessjoni tal-

bnedmin kollha ta' rieda tajba. Fil-fatt, bħal kull enċiklika, fl-ewwel paġna nsibu lil min hi indirizzata. Bħalma meta niktbu ittra jew e-mail, aħna nibdew "Għażiż ..., Għażiża...", u mbagħad niktbu l-isem tal-persuna li lilha qegħdin niktbu, l-istess fl-enċikliċi: "Lill-Isqfijiet, presbiteri u djakni, lill-persuni kkonsagrati, fidili lajċi *u lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba*, dwar l-iżvilupp uman sħiħ fl-imħabba u l-verità".

## L-enċiklika hija l-aktar kapitlu reċenti tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja

*Caritas in Veritate* hija dokument importanti ħafna f'dik is-serje ta' enċikliċi u kitbiet oħra li flimkien jagħmlu dik li nsejħulha d-*Duttrina Soċjali tal-Knisja* – jiġifieri dak it-tagħlim kollu tal-Papiet u tal-Isqfijiet li jittratta temi bħax-xogħol, id-drittijiet u d-doveri tal-ħaddiema u tas-sidien, il-faqar fid-dinja, il-paċi fid-dinja... biex insemmu biss ftit. Xi ħadd sejjaħ *Caritas in Veritate* bħala "l-enċiklika soċjali tat-tielet millennju". F'Awwissu 2009, l-ekx Prim Ministru ngliż Tony Blair qal: "*The recent papal encyclical is a remarkable document in many respects. It repays reading and re-reading*" *(Diskors fit-30 Laqgħa ta' Rimini, organizzata minn* Comunione e Liberazione*, 27 Awwissu 2009).*

## Ir-rabta bejn l-enċiklika tal-Papa Benedittu XVI u enċiklika ta' Pawlu VI

Benedittu XVI xtaq ifakkar l-aspetti l-aktar importanti ta' *Populorum Progressio* fl-erbgħin anniversarju tagħha. Fil-fatt, huwa jiddedika l-ewwel sezzjoni (minn sitta) ta' *Caritas in Veritate* biex joffri "qari mill-ġdid" ta' bosta elementi ċentrali li kien żvolġa Pawlu VI, erbgħin sena ilu. Japplikahom għal żminijietna. L-enċiklika tittratta bosta aspetti mill-ħajja soċjali, ekonomika, politika mhux b'lenti ta' pessimiżmu, imma b'mod realistiku.

## Fi ftit kliem: x'inhu l-pedament tal-enċiklika?

Mhuwiex faċli tiġbor enċiklika li hija ferm twila (124 paġna fit-traduzzjoni maltija) fi ftit kliem! Imma, meta wieħed jirrifletti dwar dak li fiha, is-sotto-titolu tagħha jispjega, jitfa' dawl ċar fuq il-kontenut. L-enċiklika tittratta *l-iżvilupp uman sħiħ fl-imħabba u l-verità.*

Kif qalilna Monsinjur Arċisqof Pawl Cremona O.P., dan l-aħħar, irridu nibdew bl-ideja Kristjana tal-ħolqien u mmorru lura għall-Ġenesi: Alla u l-bniedem li qegħdin

f'relazzjoni – kull persuna hija maħluqa xbieha t'Alla, u hemm komunikazzjoni bejn Alla u l-bniedem. Fil-fatt, fil-para.4 jgħid hekk: "Il-verità, infatti, hi *logos* (i.e. kelma) li joħloq *dia-logos* (i.e. djalogu), mela komunikazzjoni u komunjoni". L-Arċisqof tagħna, huwa u jikkummenta dwar l-enċiklika qal hekk: "Sal-Konċilju kien hemm żewġ stejjer (*histories*): il-Knisja miexja waħedha, u l-umanità miexja waħedha. Mill-Konċilju 'l hawn, għandna l-umanità miexja u l-Knisja li tagħti d-dawl lill-umanità" *(Seminar dwar l-enċiklika, CAK, B'kara, 20 Novembru 2009, u Diskors waqt il-Manifestazzjoni ta' Kristu Re, Swatar, 22 Novembru 2009).*

## Elaborazzjoni dwar dak li jgħid il-Papa fid-diversi partijiet ta' *Caritas in Veritate*

L-enċiklika tagħtina direzzjoni tassew umana u dawl tassew nisrani għal diversi sitwazzjonijiet li jinqalgħu. Tagħtina tagħlim biex nifhmu r-realtà ta' madwarna, u tindirizza din ir-realtà biex jittieħdu deċiżjonijiet minn min jista' joħodhom fuq livelli differenti, kulħadd skont ir-responsabiltà li għandu.

Benedittu XVI jittratta l-iżvilupp ħolistiku (sħiħ) tal-bniedem fid-dinja tal-lum f'diversi aspetti li jolqtuh. Jibni fuq dak li qalu l-Papiet ta' qablu. Fost is-suġġetti li wieħed jiltaqa' magħhom *f'Caritas in Veritate*, insemmi: il-ġid komuni, il-globalizzazzjoni, il-ġuħ fid-dinja, kif qed tikber il-popolazzjoni f'xi naħat tad-dinja waqt li fi bnadi oħra l-età medja qed togħla, l-ambjent, l-edukazzjoni għal kulħadd, ir-relazzjoni bejn kummerċ u etika...

## Tifsira tal-kliem "relazzjoni bejn kummerċ u etika"

Il-Papa jisħaq fuq il-fatt li l-kummerċ, il-*business* għandu jsir b'mod etiku. Jiġifieri li għandhom dejjem jiġu rispettati ċerti prinċipji biex ħadd ma jiġi sfruttat, u li ma jkunx hemm abbuż. Jekk irridu nitkellmu dwar l-iżvilupp awtentiku ta' kull bniedem, hu min hu, u jinsab fejn jinsab fid-dinja, għandna nżommu dejjem quddiemna l-Verità dwar il-bniedem u d-dinjità tiegħu. Fil-fatt, ħsieb ċentrali li jorbot il-qafas tal-enċiklika kollha huwa dan: il-qawwa ħelliesa ta' mħabba vera fil-verità. Benedittu XVI jisħaq li "*mingħajr il-verità, mingħajr il-fiduċja u l-imħabba għal dak kollu li hu veru, ma jkunx hemm kuxjenza soċjali u responsabiltà soċjali*" (n.5).

**Iċ-ċentralità tad-dinjità tal-bniedem**

Hawnhekk hu l-pern ta' kollox. Dan ngħiduh mhux biss għax jgħallmuh il-Papiet jew il-Knisja, imma wkoll għax huwa prinċipju minn ewl id-dinja. Hemm liġi, insejħulha *l-liġi naturali*, li hija mnaqqxa fil-qalb ta' kull bniedem, u li kienet, sa mill-bidu, fil-pedament ta' kull ċiviltà u soċjetà tal-bnedmin. Għalfejn ngħidu "la toqtolx" jew "la tisraqx"? Għax Alla qal hekk? *Iva, imma mhux biss*. Ma noqtolx, ma nisraqx u ma nagħmilx affarijiet oħra li nsejħulhom "ħżiena" għax iferu l-bniedem, kemm min jirċevihom, kif ukoll min jagħmilhom. Imorru kontra d-dinjità tal-bniedem, hu min hu, anke jekk jappartjeni għal reliġjon oħra, jew saħansitra ma jappartjeni għal ebda reliġjon. Permezz tal-enċiklika niftakru li proġett fejn il-bniedem mhux fiċ-ċentru jfalli. Il-Papa jisħaq fuq il-valur tal-bniedem sħiħ li jinseġ xbieki (*networks*) ta' mħabba.

**Il-Papa jorbot flimkien id-dinjità tal-bniedem mal-iżvilupp awtentiku**

Fl-enċiklika, Benedittu XVI jispjega li l-iżvilupp veru għandu jippromwovi l-ġid ta' *kull* individwu, u l-ġid tal-individwu *sħiħ*. Matul l-enċiklika joħroġ ċar li l-iżvilupp personali m'għandux ikun għad-detriment ta' ħaddieħor, imma jfittex ukoll il-ġid sħiħ tal-proxxmu, filwaqt li jkunu mħarsa d-dmirijiet u d-drittijiet ta' kulħadd. Fi kliem ieħor, jekk l-iżvilupp tiegħi, jew l-iżvilupp tan-negozju tiegħi, jew tal-pajjiż tiegħi jwassal biex ħaddieħor ibati jew ikun żvantaġġjat, *dak mhuwiex żvilupp veru*.

**Il-Papa jittratta temi jaħarqu, bħall-globalizzazzjoni, il-migrazzjoni u l-bdil fil-klima. Kien hemm min qal: "Ma taħsibx li l-Papa m'għandux jindaħal f'polemiċi bħal dawn?"**

It-tweġiba hija: Le. Il-Papa għandu messaġġ x'joffri, bħalma jista' jkollhom mexxejja oħra. Li jpoġġi l-messaġġ tal-Papa fuq livell ogħla huwa l-fatt li huwa għandu awtorità morali fuq livell dinji. Anke jekk isib min ma jaqbilx miegħu, jew min forsi jistrumentalizza xi ħaġa li jkun qal il-Papa, il-messaġġ tiegħu huwa wieħed konsistenti u ta' kwalità mill-ogħla. U dan jgħodd ukoll għal din l-enċiklika. Tant huwa hekk li din l-enċiklika ntlaqgħet tajjeb minn ħafna mexxejja, u anke minn esperti fl-ekonomija, u esperti fil-ħajja tas-soċjetajiet differenti madwar id-dinja. *Caritas in Veritate* intlaqgħet b'interess,

anke għax kien hemm stennija twila għaliha ta' aktar minn sena. Dan il-fattur għen. Ir-rivista prestiġjuza *The Economist* tal-11 ta' Lulju 2009 kienet ferm bilanċjata dwar l-enċiklika u għamlet analiżi tajba u pożittiva tagħha. Bil-kummenti li nkitbu f'din ir-rivista, jidher li d-dokument tal-Papa ttieħed bis-serjetà.

Ir-rivista *The Economist* tgħid li l-Papa ma jissimplifikax il-problemi planetarji billi jinsisti biss fuq il-virtujiet reliġjużi, fosthom l-għaqal u l-qies, imma billi jipproponi triq tan-nofs. Ngħidu aħna, huwa jaċċetta l-leġittimità tas-swieq u tal-profitti, sakemm dawn ma jsirux allat, jew 'il fuq wisq mill-bnedmin li huma affettwati minn deċiżjonijiet ekonomiċi.

## Il-Papa dwar il-globalizzazzjoni

Benedittu XVI jfittex li jmur fil-qalba tal-fenomenu. Jiddeskrivih bħala "*splużjoni ta' interdipendenza dinjija*" (n.33). Band'oħra, jolqot il-musmar sew fuq rasu meta jfisser li l-globalizzazzjoni "*tagħmilna ġirien ta' xulxin, imma ma tagħmilniex aħwa*" (n.19). B'mod mill-aktar bilanċjat, il-Papa jsemmi kemm l-aspett pożittiv tal-fenomenu, kif ukoll il-konsegwenzi negattivi, fosthom il-firdiet ġodda fl-umanità meta l-gwida li toffri l-imħabba fil-verità tkun nieqsa.

Il-Papa jgħid li l-ekonomija, waħedha, mhix biżżejjed biex iġġib il-ġid komuni 'l quddiem. Lanqas l-imħabba waħidha ma hi biżżejjed. Iż-żewġ aspetti jridu jkunu preżenti flimkien. Il-pedament ta' kull imġieba dwar dan tibqa' d-dinjità ta' kull bniedem u l-iżvilupp sħiħ tiegħu.

## Temi oħra trattati fl-enċiklika li huwa utli li jinqraw minna l-Maltin

L-enċiklika fiha aspetti li jolqtu persuni f'pożizzjoni ta' responsabiltà fl-Istat, fil-partiti politiċi kollha, fit-*trade unions*, u fl-oqsma tal-finanzi u l-ekonomija. *Caritas in Veritate* fiha ħafna *insights* li jitolbu riflessjoni u diskussjoni. L-enċiklika tittratta wkoll temi jaħarqu bħall-immigrazzjoni, l-ambjent, ir-rata tat-twelid – li kollha jimmeritaw diskussjoni serja fid-dawl ta' dak li kiteb il-Papa. Hekk qal Andrea Riccardi fil-gazzetta taljana *Il Corriere della Sera*: "Dan il-Papa mhux biss jurina kif nemmnu imma wkoll kif naħsbu!"

**Prinċipji fundamentali fl-enċiklika li wieħed għandu jisħaq fuqhom**

Prinċipju bażiku huwa d-dinjità tal-bniedem. Prinċipji oħra jinkludu: il-gratwità bħala espressjoni ta' fraternità (n.34); relazzjonijiet ta' ħbiberija, solidarjetà u reċiproċità vera f'kull attività ekonomika (n.36); il-ħarsien tal-ħolqien (n.50); il-bniedem f'xibka pożittiva ta' relazzjonijiet awtentiċi bħala dimensjoni importanti tal-umanità tiegħu (n.55).

**Dimensjoni spiritwali**

Naturalment, f'diversi partijiet tal-enċiklika nsibu referenza wkoll għal dak li naqraw fil-Kelma t'Alla. L-ewwel paragrafu tal-enċiklika jiffoka fuq Ġesù Kristu. Hemm, il-Papa jgħid li "*l-imħabba fil-verità li għaliha Ġesù Kristu ta xhieda matul ħajtu, u speċjalment permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu, hija l-qawwa prinċipali wara l-iżvilupp awtentiku ta' kull persuna u tal-umanità*" (n.1). Lejn it-tmiem tal-enċiklika, il-Papa Benedittu jfakkarna li d-dibattitu soċjali huwa fil-fatt dibattitu dwar il-bniedem (n.75). Imbagħad, huwa jispjega kif il-bniedem, maħluq xbieha t'Alla, huwa don għall-oħrajn, u huwa msejjaħ *li jkun* u *li jaġixxi* f'relazzjoni magħhom. Din tal-aħħar jgħiduha anke awturi oħra. Imma, imbagħad, il-Papa Benedittu joffri proposta oħra: "*l-iżvilupp hu marbut ukoll bl-għarfien tagħna tar-ruħ*" (n.76). L-iżvilupp spiritwali tal-persuna hija dimensjoni bażika tal-iżvilupp uman sħiħ. Il-ftuħ lejn Alla ddawwalna fil-promozzjoni u l-bini ta' soċjetà umanament b'saħħitha.

**Konklużjoni**

F'din l-enċiklika soċjali tal-Papa Benedittu, huwa ċar li l-Knisja toffri viżjoni u mhux soluzzjonijiet tekniċi. Huwa jitkellem dwar l-iżvilupp veru ta' kull bniedem, il-bniedem sħiħ, il-qdusija tal-ħajja, l-importanza tal-familja, is-solidarjetà bejn il-bnedmin u bejn il-pajjiżi, id-distinzjoni bejn Knisja u Stat, l-immigrazzjoni – li nkunu soċjetà li tirrispetta d-dinjità ta' kull bniedem, u li kull emigrant huwa bniedem.

Fl-aħħarnett, din l-enċiklika qed tgħidilna li aħna min aħna, u qegħdin fejn qegħdin fid-dinja, aħna responsabbli li nibnu soċjetà fejn tassew naħsbu f'xulxin, naqbżu għal xulxin u ngħinu lil xulxin.

# Suġġerimenti/Punti għall-Eżerċizzi tar-Randan mit-Tagħlim ta' Benedittu XVI

- Ir-Randan - żmien privileġġjat
- Pellegrinaġġ interjuri lejn Alla
- Nimmeditaw il-ħarsa kollha ħniena ta' Ġesù
- Is-sawn, it-talb u l-għoti tal-karità
- Ippenetrati mill-kelma t'Alla
- Attenti għall-ħtiġijiet ta' ħutna
- Il-laqgħa ma' Ġesù
- Il-konverżjoni tal-iben il-ħali u l-ebusija tal-qalb tal-iben il-kbir
- It-tbatija ta' Ġesù u t-tbatija tagħna
- Is-sens awtentiku tas-sawm

"Ir-Randan huwa ż-żmien privileġġjat tal-pellegrinaġġ interjuri lejn Dak li huwa l-għajn tal-ħniena. Huwa pellegrinaġġ li matulu hu stess jakkumpanjana fid-deżert tal-faqar tagħna, filwaqt li jwieżen lilna fil-mixja lejn il-ferħ intens tal-Għid ... Iva, anke llum, il-Mulej jisma' l-għajta tal-folol bil-ġuħ għall-ferħ, għall-paċi, għall-imħabba. Bħal f'kull żmien, iħossuhom abbandunati. Madankollu, anke fid-deżolazzjoni tal-miżerja, tas-solitudni, tal-vjolenza u tal-ġuħ li jolqtu bla distinzjoni lill-anzjani, l-adulti u t-tfal, Alla ma jħallix li d-dlam jaħkem fuqhom". *(Messaġġ għar-Randan 2006, 29 Settembru 2005)*

"Anke llum, il-ħarsa kollha ħniena ta' Ġesù ma tiqafx milli tħares lejn il-bnedmin u l-popli. Huwa jħares lejhom għax jaf li l-proġett divin jinkludi fih is-sejħa għas-salvazzjoni. Ġesù jaf bil-perikli li jfixklu dan il-proġett u jitħassar il-folol: jiddeċiedi li jħarishom mill-ilpup, anke billi joffri ħajtu bi prezz. B'dik il-ħarsa, Ġesù jħaddan l-individwi u l-folol, u lkoll iressaqhom għand il-Missier, waqt li joffri lilu nnifsu b'sagrifiċċju ta' tpattija. *(Messaġġ għar-Randan 2006)*

"Quddiem l-isfidi kbar tal-faqar ta' parti kbira tal-umanità, l-indifferenza u l-għeluq fl-egoiżmu jinsabu f'kuntrast mal-ħarsa ta' Ġesù. Is-sawm u l-karità, li flimkien mat-talb il-Knisja tipproponihom b'mod speċjali fiż-żmien tar-Randan, huma okkażjoni f'waqtha biex nissieħbu ma' dik il-ħarsa (ta' Ġesù). *(Messaġġ għar-Randan 2006)*

"Dan huwa l-programm veru u ċentrali tar-Randan: li tisma' l-kelma tal-verità, tgħix, tlissen u tagħmel il-verità, li tirrifjuta l-gideb li javvelena l-umanità u li hu l-bieb li jwassal għal kull ħażen. Huwa urġenti, għalhekk, li nisimgħu mill-ġdid, matul dawn l-erbgħin jum, l-Evanġelju, il-kelma tal-Mulej, kelma ta' verità, sabiex f'kull nisrani, f'kull wieħed u waħda minna, jitqawwa l-għarfien tal-verità mogħtija lilna biex ngħixuha u nkunu xhieda tagħha. Ir-Randan iħeġġiġna għal dan – li nħallu lilna nfusna nkunu ppenetrati mill-Kelma t'Alla u li għalhekk nagħrfu l-verità fondamentali: min aħna, minfejn ġejjin, fejn għandna mmorru, u liema hi t-triq li għandna nieħdu. Għalhekk, żmien ir-Randan joffrilna vjaġġ axxetiku u liturġiku li, filwaqt li jgħinna niftħu għajnejna għad-dgħufija tagħna, jgħinna niftħu qalbna għall-imħabba kollha ħniena ta' Kristu. *(Udjenza Ġenerali, Ras ir-Randan, 01 Marzu 2006)*

"Filwaqt li nersqu qrib lejn Alla, il-mixja tar-Randan twassalna biex inħarsu lejn ħutna u l-ħtiġijiet tagħhom b'għajnejn ġodda. Min jibda jħares lejn Alla, min iħares lejn wiċċ Kristu, jibda jħares lejn ħuh b'għajnejn ġodda, jiskoprih, jiskopri t-tajjeb tiegħu, il-ħażin tiegħu, il-bżonnijiet tiegħu. Hu għalhekk li r-Randan, żmien ta' smigħ il-verità, huwa żmien tajjeb biex nikkonvertu għall-imħabba, għax il-verità profonda, il-verità t'Alla hija fl-istess ħin imħabba. Waqt li nikkonvertu għall-verità t'Alla, ma nistgħux ma nikkonvertux għall-imħabba. *(Idem)*

"Imma x'ġieb sewwasew Ġesù, jekk ma ġiebx il-paci fid-dinja, il-ġid għal kulħadd u dinja aħjar? X'ġieb?

It-tweġiba tinstema' semplici ħafna. Huwa ġieb lil Alla. Ġieb lil Alla li bil-mod il-mod rrivela lilu nnifsu qabel l-ewwel lil Abraham, imbagħad lil Mosè u l-Profeti, u mbagħad fil-letteratura sapjenzjali. Ġieb lil Alla li wera wiċċu f'Israel biss u li kien miqjum fid-dinja mill-ġnus għad li taħt ħafna dellijiet. Ġieb lil Alla ta' Abraham, ta' Iżakk, ta' Ġakobb, lil

Alla l-veru li wrieh lin-nies tad-dinja. Hu ġieb lil Alla. Issa nafu wiċċu; issa nistgħu ngħajtulu. Issa nafu t-triq li aħna bħala bnedmin fuq din l-art għandna nieħdu. Ġesù ġieb lil Alla u b'hekk il-verità, u aħna għarafna t-triq tat-fidi, it-tama u l-imħabba". (Mill-ktieb *Ġesù ta' Nazaret*, 2007, p.63)

Hemm meditazzjoni mill-isbaħ dwar il-Parabbola tal-iben il-ħali f'Kapitlu 7 tal-ktieb tal-Papa *Ġesù ta' Nazaret* (ara l-edizzjoni maltija, p.220-229). Dawn huma xi siltiet qosra:

"L-iben imur "f'art imbiegħda". Il-Missirijiet Qaddisa raw fiha fuq kollox li hu tbiegħed internament mid-dinja tal-missier – id-dinja ta' Alla – raw il-ksur intern tar-relazzjoni, il-bogħod tat-tluq minn dak li hu tiegħek u minnek innifsek. L-iben itajjar il-wirt. Kull ma jrid hu li jieħu pjacir. Irid jieħu kemm jista' mill-ħajja sa l-aħħarnett, jieħu "il-ħajja fil-milja tagħha", kif kien jifhimha hu. Ma ried joqgħod taħt l-ebda kmandament, l-ebda awtorità. Hu fittex il-libertà radikali: ried jgħix hu waħdu u ma joqgħod taħt ħadd. Hu ħa pjaċir bil-ħajja u ħass ruħu awtonomu għall-aħħar.

Huwa diffiċli għalina biex sewwasew f'dan naraw l-ispirtu tar-ribelljoni ta' dan iż-żmien kontra Alla u l-liġi tiegħu? Biex naraw it-tħollija ta' dak li s'issa kien is-sies li jerfa', u x-xewqa għal libertà mingħajr limiti? Il-kelma Griega li hija użata għal ġid imtajjar, fil-lingwaġġ tal-filosfi Griegi tfisser "sustanza". L-iben il-ħali ħela n-natura tiegħu, lilu nnifsu" (p.221-222).

Dwar il-mument tal-konverżjoni tal-iben il-ħali, il-Papa jikteb hekk:

"L-iben il-ħali jifhem li huwa mitluf. Jifhem li d-dar hu kien ħieles u li l-qaddejja ta' missieru huma aktar ħielsa minnu, li ħaseb li sa jkun ħieles għal kollox. 'Daħal fih innifsu,' jgħid il-Vanġelu (Lq 15:17). U anki din l-espressjoni, bħalma ġara b'dik tal-pajjiż imbiegħed, terġa' tħarrek ir-riflessjoni filosofika tal-Missirijiet Qaddisa. 'Il bogħod mid-dar jgħix lil hemm mill-oriġni tiegħu, dan il-bniedem kien telaq 'il bogħod minnu nnifsu wkoll. Hu kien qed jgħix 'il bogħod mill-verità ta' eżistenza tiegħu. Il-konverżjoni, it-'triq lura' tiegħu qiegħda hawn, li għaraf dan, li fehem lilu nnifsu bħala aljenat, li tassew kien mar 'f'art barranija', u li issa jerġa' lura lejh innifsu. Imma fih innifsu isib id-direzzjoni lejn missieru, lejn il-libertà tassew ta' 'iben'. Il-kliem li hu jħejji għar-ritorn tiegħu lejn id-dar, iġegħelna nagħrfu l-wisa' tal-mixja tiegħu ġewwiena li issa sa jagħmel. Huwa espressjoni tal-eżistenza li qiegħda fit-

triq, li issa terġa' tmur lura d-dar, lejha nfisha u lejn il-missier, wara li taqsam id-deżerti kollha" (p.222-223).

U dwar l-iben il-kbir, naqraw hekk: "Missieru mar fuqu wkoll u beda jkellmu bil-ħlewwa. L-iben il-kbir ma kien jaf xejn bil-bdil u l-mixi ġewwieni tal-ieħor, bit-triq fil-bgħid ħafna, bil-waqgħa tiegħu u li reġa' sab lilu nnifsu mill-ġdid. Hu jara dan biss bħala inġustizzja. U donnu jgħid ċar li hu wkoll kien ħolom fil-moħbi b'libertà mingħajr limiti, li bl-ubbidjenza tiegħu kien ġabar l-imrar ġo fih, u li ma jafx bil-grazzja tal-kenn tad-dar, bil-libertà tassew li hu kellu bħala iben. 'Ibni,' qallu missieru, 'inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek' (Lq 15:31). B'hekk fissirlu l-kobor ta' min ikun iben. Huwa l-istess kliem li Ġesù jgħid fit-talba sacerdotali lil Missier, li bih ifisser ir-relazzjoni tiegħu mal-Missier. 'U dak kollu li hu tiegħi huwa tiegħek, u dak li hu tiegħek huwa tiegħi' (Ġw 17:10)" (p.226-227).

"L-Għid il-Kbir, li lejh ir-Randan huwa indirizzat, huwa il-misteru li jagħti sens lit-tbatija umana, ibda mill-abbundanza bla qies tal-*kom-passjoni* ta' Alla li seħħet f'Ġesù Kristu. Il-mixja tar-Randan, li hi kollha kemm hi mdawla bid-dawl tal-Għid, tgħinna ngħixu mill-ġdid dak li seħħ fil-qalb divina-umana ta' Kristu waqt li kien tiela' Ġerusalemm għall-aħħar darba, biex joffri lilu nnifsu bi tpattija. It-tbatija u l-mewt niżlu bħal dalma aktar ma huwa qorob lejn is-salib, waqt li fl-istess ħin saret aktar mkebbsa il-fjamma tal-imħabba. It-tbatija ta' Ġesù, fil-fatt, hija mimlija bid-dawl tal-imħabba" *(Ċelebrazzjoni tal-Erbgħa tal-Irmied, Bażilka ta' Santa Sabina, Ruma, 06 Frar 2008).*

"Is-sawm jgħinna nikbru fl-ispirtu tas-Samaritan il-ħanin, li jitbaxxa u jieqaf jgħin lil ħuh li qed ibati (ara l-*enċiklika Deus Caritas est*, n.15). Meta, bil-liberta' kollha nħaddnu azzjoni ta' ċaħda tagħna nfusna minħabba ħaddieħor, inkunu qed ngħidu li ħuna jew oħtna mhumiex barranin għalina. Huwa preċiżament biex inżommu ħaj dan l-atteġġjament ta' min jilqa' lil ħutu u jkun attent għal ħtiġijithom li nqawwi qalb il-parroċċi u kull komunità biex jintensifikaw, matul ir-Randan, id-drawwa tas-sawm privat u dak komunitarju, flimkien mal-qari tal-Kelma t'Alla u l-għoti ta' karità. Mill-bidunett, dawn kienu sinjali li minnhom kienet tingħaraf il-komunità nisranija". *(Messaġġ għar-Randan 2009, 11 Diċembru 2008)*

Drittijiet miżmuma © Arċidjoċesi ta' Malta, 2010

Kummissjoni Teoloġika Djoċesana
Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta
Tel: (356) 2590 6502
Fax: (356) 2590 6507
Email: hector.scerri@um.edu.mt

Dan il-ktieb qed jitqassam b'xejn bil-kundizzjoni li ma jistax jinbiegħ
kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-forma jew fil-produzzjoni teknika
tiegħu mingħajr il-permess bil-miktub tal-pubblikatur jew tal-editur.

ISBN: 978-99932-0-852-5